



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 994/2014 tat-13 ta' Mejju 2014 li jemenda l-Annessi VIII u VIIIc tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Annessi II, III u VI tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 995/2014 tat-18 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi proj-bizzjoni tas-sajd għal-linarda fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni II u IV minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda** 11
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 996/2014 tat-18 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi proj-bizzjoni għas-sajd tal-linarda fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali fiż-żoni Vb, VI u VII minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda** 13
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 997/2014 tad-19 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi proj-bizzjoni ta' sajd għar-redfish fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona V; kif ukoll l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda** 15
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 998/2014 tat-22 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi proj-bizzjoni tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' fiż-żoni VIIf u VIIfg minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda** 17
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 999/2014 tat-23 ta' Settembru 2014 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009** 19
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1000/2014 tat-23 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 52

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 994/2014

tat-13 ta' Mejju 2014

li jemenda l-Annessi VIII u VIIIc tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Annessi II, III u VI tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 136a(3) u 140a tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 58(7) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 6(3), 7(3) u 20(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 103n tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ⁽⁴⁾, sal-1 ta' Awwissu 2013, Spanja, il-Lussemburgu, Malta u r-Renju Unit innotifikaw l-intenzjoni tagħhom li b'mod definittiv jittrasferixxu l-ammont kollu disponibbli għall-programmi ta' appoġġ għas-settur tal-inbid imsemmija fl-Anness Xb ta' dak ir-Regolament jew parti minnu, sabiex iżidu l-limiti massimi nazzjonali tagħhom għall-pagamenti diretti għas-sena tat-talba 2014 'il quddiem. Għaldaqstant, l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 ġie emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 929/2013 ⁽⁵⁾. Dawk it-trasferimenti definittivi jeħtieġ li jkunu wkoll riflessi fl-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.
- (2) Skont l-Artikolu 136a(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, sal-31 ta' Diċembru 2013, Franza, il-Latvja u r-Renju Unit innotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jittrasferixxu ċertu perċentwal mil-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom għas-snin kalendarji bejn l-2014 u l-2019 għall-ipprogrammar tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Skont l-Artikolu 136a(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, sal-31 ta' Diċembru

⁽¹⁾ ĠUL 30, 31.1.2009, p. 16.

⁽²⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 487.

⁽³⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 608.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠUL 299, 16.11.2007, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 929/2013 tas-26 ta' Settembru 2013 li jemenda l-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni (ĠUL 255, 27.9.2013, p. 5).

2013, il-Kroazja, Malta, il-Polonja u s-Slovakkja nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jittrasferixxu għal pagamenti diretti ċertu perċentwal mill-ammont allokat għall-appoġġ għal miżuri taħt l-ipprogrammar tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-FAEŻR fil-perjodu bejn l-2015 u l-2020 kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013. L-Annessi VIII u VIIIc tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

- (3) Skont l-Artikolu 57a(9) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, sal-31 ta' Jannar 2014, il-Kroazja nnotifikat lill-Kummissjoni biż-żona tal-art li tneħħewlha l-mini u reġgħet bdiet tintuża għal attivitajiet agrikoli fl-2013. In-notifika kien fiha wkoll l-ammont baġitarju korrispondenti għas-sena tat-talba 2014 'il quddiem. Barra minn hekk, f'konformità ma' dak l-Artikolu, il-Kroazja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar iż-żona ta' art li tneħħewlha l-mini u li għet iddikjarata mill-bdiewa fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna mressqa fir-rigward tas-sena tat-talba 2013, u li bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċembru 2012 reġgħet bdiet tintuża għal attivitajiet agrikoli. L-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 ġie għalhekk emendat bir-Regolament (UE) Nru 929/2013. Abbażi tal-iskeda ta' żidiet inkrementali msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Annessi II, III u VI ta' dak ir-Regolament għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (4) L-ammont għas-sena finanzjarja 2014 li jirriżulta minn aġġustament volontarju ta' pagamenti diretti fis-sena kalendarja 2013 fir-Renju Unit skont l-Artikolu 10b tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikoli 136 u 136b ta' dak ir-Regolament għas-snin finanzjarji 2014 u 2015, kif ukoll l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għandhom jiż-diedu mat-tqassim annwali tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jibda japplika biss mill-1 ta' Jannar 2015. L-emendi ta' dak ir-Regolament għandhom għalhekk japplikaw mill-istess data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi VIII u VIIIc tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma emendati skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-Annessi II, III u VI tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma emendati skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 3 għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX I

L-Annessi VIII u VIIIc tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tabella 1, il-kolonna għas-sena 2014 hija sostitwita b'dan li ġej:

| Stat Membru | "2014 |
|--------------------|------------|
| Il-Belġju | 544 047 |
| Id-Danimarka | 926 075 |
| Il-Ġermanja | 5 178 178 |
| Il-Greċja | 2 047 187 |
| Spanja | 4 833 647 |
| Franza | 7 358 751 |
| L-Irlanda | 1 216 547 |
| L-Italja | 3 953 394 |
| Il-Lussemburgu | 33 662 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 793 319 |
| L-Awstrija | 693 716 |
| Il-Portugall | 557 667 |
| Il-Finlandja | 523 247 |
| L-Isvezja | 696 487 |
| Ir-Renju Unit | 3 166 774" |

(b) Fit-tabella 2, il-kolonna għas-sena 2014 hija sostitwita b'dan li ġej:

| Stat Membru | "2014 |
|--------------------|-----------|
| Il-Bulgarija | 642 103 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 875 305 |
| L-Estonja | 110 018 |
| Il-Kroazja | 164 005 |
| Ċipru | 51 344 |
| Il-Latvja | 156 279 |
| Il-Litwanja | 393 226 |
| L-Ungerija | 1 272 786 |

| Stat Membru | "2014 |
|--------------|-----------|
| Malta | 5 240 |
| Il-Polonja | 3 361 883 |
| Ir-Rumanija | 1 428 531 |
| Is-Slovenja | 138 980 |
| Is-Slovakkja | 435 115" |

(*) Limiti massimi kkalkolati b'kont meħud tal-iskeda ta' żidiet inkrementali previsti fl-Artikolu 121.

(c) Fit-tabella 3, il-kolonna għas-sena 2014 hija sostitwita b'dan li ġej:

| Stat Membru | "2014 |
|-------------|----------|
| Il-Kroazja | 164 005" |

(*) Limiti massimi kkalkolati b'kont meħud tal-iskeda ta' żidiet inkrementali previsti fl-Artikolu 121.

(2) L-Anness VIIIc huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX VIIIc

Limiti massimi nazzjonali msemminj fl-Artikoli 72a(6)u 125a(5)

| | (eluf ta' EUR) |
|--------------------|----------------|
| Il-Belġju | 505 266 |
| Il-Bulgarija | 796 292 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 872 809 |
| Id-Danimarka | 880 384 |
| Il-Ġermanja | 5 018 395 |
| L-Estonja | 169 366 |
| L-Irlanda | 1 211 066 |
| Il-Greċja | 1 931 177 |
| Spanja | 4 893 433 |
| Franza | 7 189 541 |
| Il-Kroazja | 316 245 |
| L-Italja | 3 704 337 |
| Ċipru | 48 643 |

| | (eluf ta' EUR) |
|--------------------|----------------|
| Il-Latvja | 280 154 |
| Il-Litwanja | 517 028 |
| Il-Lussemburgu | 33 432 |
| L-Ungerija | 1 269 158 |
| Malta | 5 244 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 732 370 |
| L-Awstrija | 691 738 |
| Il-Polonja | 3 450 512 |
| Il-Portugall | 599 355 |
| Ir-Rumanija | 1 903 195 |
| Is-Slovenja | 134 278 |
| Is-Slovakkja | 451 659 |
| Il-Finlandja | 524 631 |
| L-Isvezja | 699 768 |
| Ir-Renju Unit | 3 205 243" |

ANNEX II

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX I

TQASSIM TAL-APPOĠĠ TAL-UNJONI GĦALL-IŻVILUPP RURALI (BEJN L-2014 U L-2020)

(prezzijiet attwali f'EUR)

| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL 2014 -2020 |
|--------------------|---------------|---------------|---------------|---------------|---------------|---------------|---------------|------------------|
| Il-Belġju | 78 342 401 | 78 499 837 | 78 660 375 | 78 824 076 | 78 991 202 | 79 158 713 | 79 314 155 | 551 790 759 |
| Il-Bulgarija | 335 499 038 | 335 057 822 | 334 607 538 | 334 147 994 | 333 680 052 | 333 187 306 | 332 604 216 | 2 338 783 966 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 314 349 445 | 312 969 048 | 311 560 782 | 310 124 078 | 308 659 490 | 307 149 050 | 305 522 103 | 2 170 333 996 |
| Id-Danimarka | 90 287 658 | 90 168 920 | 90 047 742 | 89 924 072 | 89 798 142 | 89 665 537 | 89 508 619 | 629 400 690 |
| Il-Ġermanja | 1 221 378 847 | 1 219 851 936 | 1 175 693 642 | 1 174 103 302 | 1 172 483 899 | 1 170 778 658 | 1 168 760 766 | 8 303 051 050 |
| L-Estonja | 103 626 144 | 103 651 030 | 103 676 345 | 103 702 093 | 103 728 583 | 103 751 180 | 103 751 183 | 725 886 558 |
| L-Irlanda | 313 148 955 | 313 059 463 | 312 967 965 | 312 874 411 | 312 779 690 | 312 669 355 | 312 485 314 | 2 189 985 153 |
| Il-Greċja | 605 051 830 | 604 533 693 | 604 004 906 | 603 465 245 | 602 915 722 | 602 337 071 | 601 652 326 | 4 223 960 793 |
| Spanja | 1 187 488 617 | 1 186 425 595 | 1 185 344 141 | 1 184 244 005 | 1 183 112 678 | 1 182 137 718 | 1 182 076 067 | 8 290 828 821 |
| Franza | 1 404 875 907 | 1 635 877 165 | 1 663 306 545 | 1 665 777 592 | 1 668 304 328 | 1 671 324 729 | 1 675 377 983 | 11 384 844 249 |
| Il-Kroazja | 332 167 500 | 282 342 500 | 282 342 500 | 282 342 500 | 282 342 500 | 282 342 500 | 282 342 500 | 2 026 222 500 |
| L-Italja | 1 480 213 402 | 1 483 373 476 | 1 486 595 990 | 1 489 882 162 | 1 493 236 530 | 1 496 609 799 | 1 499 799 408 | 10 429 710 767 |
| Ċipru | 18 895 839 | 18 893 552 | 18 891 207 | 18 888 801 | 18 886 389 | 18 883 108 | 18 875 481 | 132 214 377 |
| Il-Latvja | 138 327 376 | 150 968 424 | 153 001 059 | 155 030 289 | 157 056 528 | 159 093 589 | 161 099 517 | 1 074 576 782 |
| Il-Litwanja | 230 392 975 | 230 412 316 | 230 431 887 | 230 451 686 | 230 472 391 | 230 483 599 | 230 443 386 | 1 613 088 240 |
| Il-Lussemburgu | 14 226 474 | 14 272 231 | 14 318 896 | 14 366 484 | 14 415 051 | 14 464 074 | 14 511 390 | 100 574 600 |

(prezzijiet attwali f'EUR)

| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL 2014 -2020 |
|--------------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|------------------|
| L-Ungerija | 495 668 727 | 495 016 871 | 494 351 618 | 493 672 684 | 492 981 342 | 492 253 356 | 491 391 895 | 3 455 336 493 |
| Malta | 13 880 143 | 13 965 035 | 13 938 619 | 13 914 927 | 13 893 023 | 13 876 504 | 13 858 647 | 97 326 898 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 87 118 078 | 87 003 509 | 86 886 585 | 86 767 256 | 86 645 747 | 86 517 797 | 86 366 388 | 607 305 360 |
| L-Awstrija | 557 806 503 | 559 329 914 | 560 883 465 | 562 467 745 | 564 084 777 | 565 713 368 | 567 266 225 | 3 937 551 997 |
| Il-Polonja | 1 569 517 638 | 1 175 590 560 | 1 174 010 059 | 1 172 398 238 | 1 170 756 130 | 1 169 026 987 | 1 166 981 202 | 8 598 280 814 |
| Il-Portugall | 577 031 070 | 577 895 019 | 578 775 888 | 579 674 001 | 580 591 241 | 581 504 133 | 582 317 022 | 4 057 788 374 |
| Ir-Rumanija | 1 149 848 554 | 1 148 336 385 | 1 146 793 135 | 1 145 218 149 | 1 143 614 381 | 1 141 925 604 | 1 139 927 194 | 8 015 663 402 |
| Is-Slovenja | 118 678 072 | 119 006 876 | 119 342 187 | 119 684 133 | 120 033 142 | 120 384 760 | 120 720 633 | 837 849 803 |
| Is-Slovakkja | 271 154 575 | 213 101 979 | 212 815 053 | 212 522 644 | 212 225 447 | 211 912 203 | 211 540 943 | 1 545 272 844 |
| Il-Finlandja | 335 440 884 | 336 933 734 | 338 456 263 | 340 009 057 | 341 593 485 | 343 198 337 | 344 776 578 | 2 380 408 338 |
| L-Isvezja | 257 858 535 | 258 014 757 | 249 173 940 | 249 336 135 | 249 502 108 | 249 660 989 | 249 768 786 | 1 763 315 250 |
| Ir-Renju Unit | 667 773 873 | 752 322 030 | 752 139 156 | 751 939 938 | 751 702 511 | 751 876 113 | 752 375 870 | 5 180 129 491 |
| Total UE-28 | 13 970 049 060 | 13 796 873 677 | 13 773 017 488 | 13 775 753 697 | 13 778 486 509 | 13 781 886 137 | 13 785 415 797 | 96 661 482 365 |
| Assistenza teknika | 34 130 699 | 34 131 977 | 34 133 279 | 34 134 608 | 34 135 964 | 34 137 346 | 34 138 756 | 238 942 629 |
| Total | 14 004 179 759 | 13 831 005 654 | 13 807 150 767 | 13 809 888 305 | 13 812 622 473 | 13 816 023 483 | 13 819 554 553 | 96 900 424 994" |

24.9.2014

MT

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 280/7

ANNEX III

L-Annessi II, III u VI tar-Regolament (KE) Nru 1307/2013 huma emendati kif ġej:

(1) L-Annessi II u III huma sostitwiti b'dan li ġej:

"ANNEX II

Limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 6

(f'eluf ta' EUR)

| Is-sena kalendarja | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 |
|--------------------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|
| Il-Belġju | 536 076 | 528 124 | 520 170 | 512 718 | 505 266 | 505 266 |
| Il-Bulgarija | 721 251 | 792 449 | 793 226 | 794 759 | 796 292 | 796 292 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 874 484 | 873 671 | 872 830 | 872 819 | 872 809 | 872 809 |
| Id-Danimarka | 916 580 | 907 108 | 897 625 | 889 004 | 880 384 | 880 384 |
| Il-Ġermanja | 5 144 264 | 5 110 446 | 5 076 522 | 5 047 458 | 5 018 395 | 5 018 395 |
| L-Estonja | 121 870 | 133 701 | 145 504 | 157 435 | 169 366 | 169 366 |
| L-Irlanda | 1 215 003 | 1 213 470 | 1 211 899 | 1 211 482 | 1 211 066 | 1 211 066 |
| Il-Greċja | 2 023 122 | 1 999 116 | 1 975 083 | 1 953 129 | 1 931 177 | 1 931 177 |
| Spanja | 4 842 658 | 4 851 682 | 4 866 665 | 4 880 049 | 4 893 433 | 4 893 433 |
| Franza | 7 302 140 | 7 270 670 | 7 239 017 | 7 214 279 | 7 189 541 | 7 437 200 |
| Il-Kroazja (*) | 183 035 | 202 065 | 240 125 | 278 185 | 316 245 | 304 479 |
| L-Italja | 3 902 039 | 3 850 805 | 3 799 540 | 3 751 937 | 3 704 337 | 3 704 337 |
| Ċipru | 50 784 | 50 225 | 49 666 | 49 155 | 48 643 | 48 643 |
| Il-Latvja | 181 044 | 205 764 | 230 431 | 255 292 | 280 154 | 302 754 |
| Il-Litwanja | 417 890 | 442 510 | 467 070 | 492 049 | 517 028 | 517 028 |
| Il-Lussemburgu | 33 604 | 33 546 | 33 487 | 33 460 | 33 432 | 33 432 |
| L-Ungerija | 1 271 593 | 1 270 410 | 1 269 187 | 1 269 172 | 1 269 158 | 1 269 158 |
| Malta | 5 241 | 5 241 | 5 242 | 5 243 | 5 244 | 4 690 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 780 815 | 768 340 | 755 862 | 744 116 | 732 370 | 732 370 |
| L-Awstrija | 693 065 | 692 421 | 691 754 | 691 746 | 691 738 | 691 738 |
| Il-Polonja | 3 378 604 | 3 395 300 | 3 411 854 | 3 431 236 | 3 450 512 | 3 061 518 |
| Il-Portugall | 565 816 | 573 954 | 582 057 | 590 706 | 599 355 | 599 355 |
| Ir-Rumanija | 1 629 889 | 1 813 795 | 1 842 446 | 1 872 821 | 1 903 195 | 1 903 195 |
| Is-Slovenja | 137 987 | 136 997 | 136 003 | 135 141 | 134 278 | 134 278 |

(f'eluf ta' EUR)

| Is-sena kalendarja | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 |
|--------------------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|
| Is-Slovakkja | 438 299 | 441 478 | 444 636 | 448 155 | 451 659 | 394 385 |
| Il-Finlandja | 523 333 | 523 422 | 523 493 | 524 062 | 524 631 | 524 631 |
| L-Isvezja | 696 890 | 697 295 | 697 678 | 698 723 | 699 768 | 699 768 |
| Ir-Renju Unit | 3 173 324 | 3 179 880 | 3 186 319 | 3 195 781 | 3 205 243 | 3 591 683 |

(*) Għall-Kroazja, il-limitu massimu nazzjonali għas-sena kalendarja 2021 għandu jkun EUR 342 539 000 u għall-2022 għandu jkun EUR 380 599 000.

ANNEX III

Limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 7

(f'miljuni ta' EUR)

| Is-sena kalendarja | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 |
|--------------------|---------|---------|---------|---------|---------|---------|
| Il-Belġju | 536,1 | 528,1 | 520,2 | 512,7 | 505,3 | 505,3 |
| Il-Bulgarija | 723,6 | 795,1 | 795,8 | 797,4 | 798,9 | 798,9 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 874,5 | 873,7 | 872,8 | 872,8 | 872,8 | 872,8 |
| Id-Danimarka | 916,6 | 907,1 | 897,6 | 889,0 | 880,4 | 880,4 |
| Il-Ġermanja | 5 144,3 | 5 110,4 | 5 076,5 | 5 047,5 | 5 018,4 | 5 018,4 |
| L-Estonja | 121,9 | 133,7 | 145,5 | 157,4 | 169,4 | 169,4 |
| L-Irlanda | 1 215,0 | 1 213,5 | 1 211,9 | 1 211,5 | 1 211,1 | 1 211,1 |
| Il-Greċja | 2 211,0 | 2 187,0 | 2 162,9 | 2 141,0 | 2 119,0 | 2 119,0 |
| Spanja | 4 903,6 | 4 912,6 | 4 927,6 | 4 941,0 | 4 954,4 | 4 954,4 |
| Franza | 7 302,1 | 7 270,7 | 7 239,0 | 7 214,3 | 7 189,5 | 7 437,2 |
| Il-Kroazja (*) | 183,0 | 202,1 | 240,1 | 278,2 | 316,2 | 304,5 |
| L-Italja | 3 902,0 | 3 850,8 | 3 799,5 | 3 751,9 | 3 704,3 | 3 704,3 |
| Ċipru | 50,8 | 50,2 | 49,7 | 49,2 | 48,6 | 48,6 |
| Il-Latvja | 181,0 | 205,8 | 230,4 | 255,3 | 280,2 | 302,8 |
| Il-Litwanja | 417,9 | 442,5 | 467,1 | 492,0 | 517,0 | 517,0 |
| Il-Lussemburgu | 33,6 | 33,5 | 33,5 | 33,5 | 33,4 | 33,4 |
| L-Ungerija | 1 271,6 | 1 270,4 | 1 269,2 | 1 269,2 | 1 269,2 | 1 269,2 |
| Malta | 5,2 | 5,2 | 5,2 | 5,2 | 5,2 | 4,7 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 780,8 | 768,3 | 755,9 | 744,1 | 732,4 | 732,4 |
| L-Awstrija | 693,1 | 692,4 | 691,8 | 691,7 | 691,7 | 691,7 |
| Il-Polonja | 3 378,6 | 3 395,3 | 3 411,9 | 3 431,2 | 3 450,5 | 3 061,5 |

(f'miljuni ta' EUR)

| Is-sena kalendarja | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 |
|--------------------|---------|---------|---------|---------|---------|---------|
| Il-Portugall | 566,0 | 574,1 | 582,2 | 590,9 | 599,5 | 599,5 |
| Ir-Rumanija | 1 629,9 | 1 813,8 | 1 842,4 | 1 872,8 | 1 903,2 | 1 903,2 |
| Is-Slovenja | 138,0 | 137,0 | 136,0 | 135,1 | 134,3 | 134,3 |
| Is-Slovakkja | 438,3 | 441,5 | 444,6 | 448,2 | 451,7 | 394,4 |
| Il-Finlandja | 523,3 | 523,4 | 523,5 | 524,1 | 524,6 | 524,6 |
| L-Isvezja | 696,9 | 697,3 | 697,7 | 698,7 | 699,8 | 699,8 |
| Ir-Renju Unit | 3 173,3 | 3 179,9 | 3 186,3 | 3 195,8 | 3 205,2 | 3 591,7 |

(*) Għall-Kroazja, il-limitu massimu nett għas-sena kalendarja 2021 għandu jkun EUR 342 539 000 u għall-2022 għandu jkun EUR 380 599 000."

(2) L-Anness VI huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX VI

Dispożizzjonijiet finanzjarji li japplikaw għall-Kroazja msemminjin fl-Artikoli 10 u 19

A. Ammont għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10(1)(a):

EUR 380 599 000

B. Ammonti totali ta' pagamenti diretti nazzjonali komplementari msemminja fl-Artikolu 19(3):

(f'eluf ta' EUR)

| 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 |
|---------|---------|---------|---------|---------|--------|---------|
| 247 390 | 228 360 | 190 300 | 152 240 | 114 180 | 76 120 | 38 060" |

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 995/2014**tat-18 ta' Settembru 2014****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għal-linarda fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni II u IV minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.
- (3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqbdaw il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Janjar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċertu stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠUL 24, 28.1.2014, p. 1).

ANNEX

| | |
|--------------------|---|
| In-Numru | 29/TQ43 |
| L-Istat Membru | L-Irlanda |
| L-istokk | BLI/24- |
| L-ispeċi | Il-linarda (<i>Molva dypterygia</i>) |
| Iż-żona | L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni II u IV |
| Id-data tal-għeluq | 28.8.2014 |

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 996/2014**tat-18 ta' Settembru 2014****li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd tal-linarda fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali fiż-żoni Vb, VI u VII minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014
- (3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istati Membri msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqdbu dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Janjar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċertu stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠUL 24, 28.1.2014, p. 1).

ANNEX

| | |
|--------------------|--|
| In-numru | 30/TQ43 |
| L-Istat Membru | L-Irlanda |
| L-istokk | BLI/5B67- |
| Speċi | Il-linarda (<i>Molva dypterygia</i>) |
| Iż-żona | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali fiż-żoni Vb, VI, VII |
| Id-data tal-għeluq | 28.8.2014 |

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 997/2014**tad-19 ta' Settembru 2014****li jistabbilixxi projbizzjoni ta' sajd għar-redfish fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona V; kif ukoll l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.
- (3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istati Membri msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqbdaw dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Janjar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċertu stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠUL 24, 28.1.2014, p. 1).

ANNEX

| | |
|--------------------|--|
| In-numru | 31/TQ43 |
| L-Istat Membru | L-Irlanda |
| L-istokk | RED/51214D |
| L-ispeċi | Redfish (<i>Sebastes spp</i>) |
| Iż-żona | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona V; kif ukoll l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV |
| Id-data tal-għeluq | 28.8.2014 |

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 998/2014**tat-22 ta' Settembru 2014****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' fiż-żoni VIIf u VIlg minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk, eżawrew il-kwota allokata lillhom għall-2014.
- (3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqbdaw il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Lowri EVANS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-oportunitajiet tas-sajd għal ċertu stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠUL 24, 28.1.2014, p. 1).

ANNEX

| | |
|--------------------|--|
| In-Numru | 27/TQ43 |
| L-Istat Membru | L-Irlanda |
| L-istokk | PLE/7FG. |
| L-ispeċi | Il-barbun tat-tbajja' (<i>Pleuronectes platessa</i>) |
| Iż-żona | Iż-żoni VIIf u VIIfg |
| Id-data tal-għeluq | 28.8.2014 |

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 999/2014**tat-23 ta' Settembru 2014****li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 9(4) u 11(2) u (5) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA**1.1. Il-miżuri fis-seħħ**

- (1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2022/95 ⁽²⁾, il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90 u li joriġinaw mir-Russja. skont investigazzjoni ulterjuri, li stabbilixxiet li d-dazju kien qed jiġi assorbit, il-miżuri kienu emendati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 663/98 ⁽³⁾ Wara l-ewwel rieżami ta' skadenza u l-ewwel rieżami interim skont l-Artikoli 11(2) u 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (Ir-Regolament bażiku), il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 658/2002 ⁽⁴⁾, impona dazju definittiv antidumping ta' EUR 47,07 għal kull tunnellata fuq importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90 u li joriġinaw mir-Russja. Sussegwentement, sar rieżami interim tal-ambitu tal-prodott skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku u, permezz tar-Regolament (KE) Nru 945/2005 ⁽⁵⁾, dazju definittiv antidumping li jvarja bejn EUR 41,42 għal kull tunnellata u EUR 47,07 għal kull tunnellata kien impost fuq l-importazzjonijiet ta' fertilizzanti solidi li joriġinaw mir-Russja b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jeċċedi 80 % tal-piż, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 30 90, 3102 40 90, ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 20.
- (2) Wara t-tieni rieżami ta' skadenza u t-tieni rieżami interim parzjali skont l-Artikoli 11(2) u (3) tar-Regolament bażiku, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 661/2008 ⁽⁶⁾, żamm il-miżuri fis-seħħ. Id-dazju ma nbidilx, ħlief għal l-EuroChem Group ⁽⁷⁾, li għalih l-ammont fiss ta' dazju kien iwarja bejn EUR 28,88 u EUR 32,82 għal kull tunnellata.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni), permezz tad-Deċiżjoni 2008/577/KE ⁽⁸⁾, aċċettat l-offerti tal-impenji b'limitu kwantitattiv mill-produtturi Russi JSC Acron u JSC Dorogobuzh, membri ta' "Acron" Holding Company (imsemmija b'mod konġunt bħala "Acron"), u mill-EuroChem Group. Bid-Deċiżjoni 2012/629/UE ⁽⁹⁾, il-Kummissjoni rtirat l-aċċettazzjoni tagħha tal-impenn offrut mill-EuroChem Group minħabba l-imprattikabbiltà ta' dan l-impenn.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2022/95 tas-16 ta' Awwissu 1995 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġina mir-Russja (ĠUL 198, 23.8.1995, p. 1).

⁽³⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 663/98 tat-23 ta' Marzu 1998 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2022/95 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja (ĠUL 93, 26.3.1998, p. 1).

⁽⁴⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 658/2002 tal-15 ta' April 2002 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġina mir-Russja (ĠUL 102, 18.4.2002, p. 1).

⁽⁵⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 945/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 658/2002 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjoni tan-nitrat tal-ammonju li joriġina mir-Russja u r-Regolament (KE) Nru 132/2001 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjoni tan-nitrat tal-ammonju li joriġina, *inter alia*, mill-Ukraina, wara r-rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (ĠUL 160, 23.6.2005, p. 1).

⁽⁶⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 661/2008 tat-8 ta' Lulju 2008 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja wara verifika ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) u rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (ĠUL 185, 12.7.2008, p. 1).

⁽⁷⁾ Skont id-Deċiżjoni 2008/577/KE msemmija fil-premessa li jmiss, il-EuroChem Group jikkonsisti fi: OJSC "Azot", Novomoskovsk, ir-Russja, OJSC "Nevinnomyssky Azot", Nevinnomyssk, ir-Russja, OJSC Mineral and Chemical Company "Eurochem", Moska, ir-Russja u l-EuroChem Trading GmbH, Zug, l-Isvizzera.

⁽⁸⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/577/KE tal-4 ta' Lulju 2008 li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċediment tal-antidumping fir-rigward tal-importazzjoni tan-nitrat tal-ammonju li joriġina fir-Russja u fl-Ukraina (ĠUL 185, 12.7.2008, p. 43).

⁽⁹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/629/UE tal-10 ta' Ottubru 2012 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/577/KE li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċediment tal-antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja (ĠUL 277, 11.10.2012, p. 8).

- (4) Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Settembru 2008 ⁽¹⁾, interpretata b'sentenza tad-9 ta' Lulju 2009 ⁽²⁾, il-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament (KE) Nru 945/2005 f'dak li kien jikkonċerna JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat ("Kirovo"), parti minn OJSC UralChem ("UralChem"). Il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 989/2009 ⁽³⁾, emenda r-Regolament 661/2008 skont dan. Konsegwentement, għall-kumpanija Kirovo d-dazju antidumping (EUR 47,07 kull tunnellata) japplika biss għal importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li bħalissa jaqgħu fil-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90.

1.2. Talba għal rieżami ta' skadenza

- (5) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti ⁽⁴⁾ tal-miżuri antidumping fis-seħħ, il-Kummissjoni irċeviet talba għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza ta' dawk il-miżuri skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. It-talba tressqet fit-28 ta' Marzu 2013 minn assoċjazzjoni tal-Unjoni ta' manifatturi tal-fertilizzanti, "Fertilizers Europe" ("l-applikant") fisem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat.
- (6) It-talba kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri probabbli tirriżulta f'kontinwazzjoni u rikorrenza ta' dumping u ħsara lill-industrija tal-Unjoni.
- (7) Wara d-divulgazzjoni, l-Assoċjazzjoni Russa tal-Produtturi tal-Fertilizzanti (RFPA) affermat li t-talba għal rieżami kienet appoġġjata biss minn ċertu proporzjon tal-produtturi tal-Unjoni tan-Nitrat tal-Ammonju tal-Grad ta' Fertilizzant (FGAN) u li l-produtturi tal-Unjoni tal-grad kollha tan-nitrat tal-ammonju u ta' fertilizzanti tan-nitrat tal-ammonju oħrajn jirrappreżentaw volum tliet darbiet akbar minn dak tal-applikant. Din l-affermazzjoni madankollu hija infondata peress li l-applikant u s-sostenituri tat-talba huma produtturi tal-FGAN kif ukoll ta' prodotti oħra koperti minn dan ir-ieżami ta' skadenza. Għalhekk, it-talba ma għietx sostnuta biss minn produtturi tal-FGAN, iżda wkoll minn produtturi ta' tipi oħra tal-prodott ikkonċernat u limitu kwantitattiv għall-bidu tar-ieżami kien issodisfat.

1.3. Bidu ta' rieżami ta' skadenza

- (8) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami tal-iskadenza, il-Kummissjoni ħabbret fit-12 ta' Lulju 2013, permezz ta' notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, (notifika ta' bidu) ⁽⁵⁾ il-bidu ta' rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.
- (9) L-RFPA ippreżentat kummenti li jikkonċernaw il-miżuri fis-seħħ u kkontestat il-legalità tagħhom qabel il-bidu tal-investigazzjoni. L-istess parti affermat ukoll li ma kienx hemm raġunijiet għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza bbażat fuq l-elementi mibgħuta qabel il-bidu lill-Kummissjoni dwar il-probabbiltà ta' tkomplija jew rikorrenza ta' dumping u ħsara jekk il-miżuri jiskadu.
- (10) Is-servizzi tal-Kummissjoni wiegħbu għal dik il-parti interessata li hija teżamina fid-dettall il-fehmiet espressi minn partijiet oħra minbarra applikanti biss wara l-bidu tal-investigazzjoni.
- (11) L-istess parti interessata talbet ukoll l-aċċess għat-talba ta' rieżami ta' skadenza fil-verżjoni tagħha ppreżentata fit-28 ta' Marzu 2013, kif imsemmi fl-avviż ta' bidu kif ukoll l-ittra ta' defidenza maħruġa mis-servizzi tal-Kummissjoni lill-applikanti dwar it-talba tagħhom għal rieżami tal-iskadenza sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw aħjar id-drittijiet ta' difiża tagħha. Is-Servizzi tal-Kummissjoni infurmaw lill-parti interessata li d-deċiżjoni biex tinbenda investigazzjoni kienet ibbażata biss fuq il-verżjoni kkonsolidata tat-talba li tintegra t-tweġiba fl-ittra ta' defidenza. Il-verżjonijiet bikrija u l-abbozzi ma huma tal-ebda rilevanza. Għalhekk, il-fatt li ma jkunx fornut aċċess għal verżjoni inizjali u l-ittra ma jkunx qed jikser id-drittijiet tad-difiża tal-parti. Il-parti talbet lill-Uffiċjal tas-Seduta għad-DĠ tal-Kummerċ biex tintervjeni fuq dan l-allegat ksur tad-drittijiet ta' difiża. L-Uffiċjal tas-Seduta kkonferma l-pożizzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu 2014.
- (12) Il-parti interessata talbet ukoll aċċess għat-talbiet ta' rieżami ta' skadenza marbuta ma' żewġ proċedimenti differenti oħra. Il-parti sostniet li dawn it-talbiet ġew miċħuda bħala infondati u li l-aċċess għal dawk id-dokumenti

⁽¹⁾ Kawża T-348/05.

⁽²⁾ Kawża T-348/05 INTP.

⁽³⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 989/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 661/2008 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja (ĠU L 278, 23.10.2009, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠU C 349, 15.11.2012, p. 19.

⁽⁵⁾ ĠU C 200, 12.7.2013, p. 12.

għandu jippermettilha li tqabbel iċ-ċirkostanzi taż-żewġ każijiet bir-rieżami pendenti, tifhem l-analiżi tal-Kummissjoni tas-suffiċjenza tat-talba f'kull każ u b'hekk teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod adegwat. Il-parti rċeviet il-kjarifiki kollha mis-servizzi tal-Kummissjoni, u l-Uffiċjal tas-Seduta kkonferma l-pożizzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu 2014.

1.4. L-investigazzjoni

1.4.1. Perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami u l-perjodu kkunsidrat

- (13) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni u tar-rikorrenza tad-dumping kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2012 sat-30 ta' Ġunju 2013 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami" jew "PIR"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2013 ("il-perjodu kkunsidrat").
- (14) Wara d-divulgazzjoni, l-RFPA sostniet li meta mqabbel mal-perjodu preċedenti ta' rieżami ta' skadenza li wassal għar-Regolament Nru 661/2008, kien hemm bidla mhux ġustifikata fil-metodoloġija billi l-perjodu kkunsidrat f'dak ir-rieżami kien itwal.
- (15) Il-Kummissjoni tqis li ċ-ċirkustanza allegata mill-RFPA ma tikkwalifikax bħala bidla fil-metodoloġija għall-fini tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi nnutat li ġej. Il-prattika tal-Kummissjoni hija li l-perjodu kkunsidrat normalment ikopri l-PIR u tliet snin kalendarji preċedenti, sakemm il-PIR innifsu ma jkunx ikopri parti konsiderevoli tas-sena kalendarja ta' qabel. Fis-sitwazzjoni tal-aħħar, jistgħu eċċezzjonalment jiġu kkunsidrati erba' snin kalendarji. Dan kien il-każ fir-rieżami tal-iskadenza preċedenti. Għalhekk l-affermazzjoni hija miċħuda.

1.4.2. Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

- (16) Fl-avviż ta' bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati għal kuntatt biex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat speċifikament lill-applikanti, lill-produtturi oħra magħrufa fl-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet tar-Russja ("il-pajjiż ikkonċernat"), lill-importaturi magħrufa, lill-fornituri u l-utenti, il-kummerċjanti, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom biex jipparteċipaw.
- (17) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkumentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu smiġħ mal-Kummissjoni u/jew l-Uffiċjal tas-Seduta tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ.

1.4.3. Kampjunar

- (18) Fin-notifika ta' bidu, il-Kummissjoni indikat li hija tista' tiegħu kampjuni minn partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(a) Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

- (19) Fin-Notifika ta' bidu, il-Kummissjoni ħabbret li hija kienet għażlet provviżorjament kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi ta' produzzjoni fl-Unjoni u l-volumi tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni tal-prodott simili matul il-PIR. Dan il-kampjun kien jikkonsisti ferba' produtturi tal-Unjoni li jinsabu fi Franza, il-Litwanja, il-Polonja u r-Renju Unit ⁽¹⁾, li jirrappreżentaw madwar 42 % tal-produzzjoni tal-Unjoni u 41 % tal-bejgħ tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ħeġġet lill-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar dan il-kampjun provviżorju.
- (20) Parti interessata affermat li kampjun magħżul provviżorjament tal-produtturi tal-Unjoni għandu jinkludi biss produtturi ta' nitrat tal-ammonju li bħalissa jaqgħu fil-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90 kif kien inizjalment previst mir-Regolament (KE) Nru 2022/95, u mhux ukoll produtturi ta' fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % fil-piż, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 20, kif previst mir-Regolament (KE) Nru 945/2005.

⁽¹⁾ AB Achema, Grupa Azoty Zakłady Azotowe, Grow How UK limited u YARA France S.A.

- (21) Ir-raġuni għal din l-affermazzjoni kienet li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża T-348/05, imsemmija fil-premessa 4, annullat ir-Regolament (KE) Nru 945/2005 li estendiet l-ambitu tal-prodott meta mqabbel mal-investi-gazzjoni inizjali.
- (22) Din l-affermazzjoni mhijiex fondata. Is-sentenza inkwistjoni annullat ir-Regolament (KE) Nru 945/2005 biss sa fejn huwa kkonċernat produttur esportatur wieħed Russu. Għall-produtturi Russi l-oħra kollha l-ambitu tal-prodott applikabbli jibqa' dak speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 945/2005. Fi kwalunkwe każ, il-produtturi kollha fil-kampjun tal-Unjoni jipproduċu nitrato tal-ammonju li bħalissa jaqa' fil-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90. Fertilizzanti solidi elenkati taħt il-kodiċijiet NM oħrajn huma prodotti mill-industrija tal-Unjoni u huma sempliċement ir-riżultat ta' attivitajiet jew ta' taħlit kimiku addizzjonali biex joħlqu fertilizzanti komposti, imsemmija wkoll "fertilizzanti stabbilizzati" jew "taħlitiet", taħt il-kundizzjonijiet li l-kontenut tan-nitroġenu jaqbeż 28 % fil-piż jew tan-nitrato tal-ammonju b'kontenut li jaqbeż it-80 % fil-piż.
- (23) Għalhekk, il-kampjun huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.
- (b) Teħid ta' kampjuni tal-importaturi
- (24) Biex tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati li jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fl-avviż ta' tnedija.
- (25) L-ebda importatur mhux relatat ma wieġeb għall-formola ta' kampjunar u ebda teħid ta' kampjuni ma kien għalhekk meħtieġ.
- (c) Kampjunar ta' produtturi esportaturi fir-Russja.
- (26) Biex tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi fir-Russja biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fl-avviż ta' tnedija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni Permanenti tar-Russja għall-Unjoni biex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (27) Tmien produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat, ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Matul il-PIR, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni saru prinċipalment taħt impenji li kienu ġew aċċettati. Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' erba' produtturi li jesportaw li setgħu jkunu raġonevolment investigati fiż-żmien disponibbli. Dawn il-produtturi kellhom l-akbar volum tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet totali. Dawn inkludew żewġ kumpaniji li kellhom bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni taħt l-impenji matul il-PIR. Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi kollha magħrufa kkonċernati u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma saru l-ebda kummenti. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-kampjun propost u l-partijiet kollha interessati kienu għalhekk infurmati dwar l-aħħar kampjun magħżul.
- (28) Il-Kummissjoni għażlet dawn l-erba' kumpaniji fil-kampjun:
- Acron,
 - EuroChem,
 - UralChem,
 - OJSC SBU Azot ("SBU Azot").
- (29) Il-kampjun irrappreżenta 88 % tal-bejgħ totali tal-esportazzjoni mir-Russja fil-volum (lejn l-Unjoni u lil pajjiżi terzi) matul il-PIR, fuq il-bażi tar-risposti għall-formoli tat-teħid tal-kampjuni.
- 1.4.4. *It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika*
- (30) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lil produtturi esportaturi Russi kollha li kienu talbuhom kif ukoll lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet kummerċjali li għamlu lilhom infushom magħrufin fil-limiti taż-żmien stabbiliti fin-notifika ta' bidu.
- (31) Ġew irċevuti tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand l-erba' produtturi esportaturi Russi meħuda fil-kampjun u mingħand l-erba' produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Assoċjazzjoni waħda tal-kummerċ li tirrappreżenta lill-utenti, jiġifieri National Farmers' Union of England and Wales (NFU), ipprovdiet tweġiba parzjali għall-kwestjonarju.

- (32) Fir-rigward tal-produtturi esportaturi Russi, Acron biss pprovdiet tweġiba kompluta għall-kwestjonarju. It-tliet kumpaniji l-oħra fil-kampjun — EuroChem, UralChem u SBU Azot — ipprovdew biss risposti parzjali, li jillimitaw ruħhom għad-dejta dwar il-kapaċità, iċ-ċifri tal-bejgħ aggregat fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika u ċerta informazzjoni dwar l-ispejjeż tagħhom ta' produzzjoni. Dawn ir-risposti parzjali ma jippermettux lill-Kummissjoni tivverifika bis-sħiħ id-dejta tal-bejgħ tagħhom kif ukoll l-ispejjeż tagħhom ta' produzzjoni.
- (33) Il-Kummissjoni infurmat lit-tliet produtturi esportaturi kkonċernati dwar l-intenzjoni tagħha li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku rigward l-informazzjoni li huma naqsu li jipprovdu, u użaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu mill-uffiċjal tas-seduta. Barra minn hekk, fl-iżvelar speċifiku għal kull wieħed mit-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun ikkonċernat, il-Kummissjoni indikat liema dejta pprovduta minn kull kumpanija hija kienet użat fl-analiżi tagħha u liema dejta hi kkunsidrat li ma kinitx kompluta u għalhekk kienet użat "il-fatti disponibbli" skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, il-Kummissjoni użat iċ-ċifri tal-bejgħ aggregat fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika minflok ċifri dettaljati fuq bażi ta' listi ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni.
- (34) Barra minn hekk, assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-importaturi, l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Importazzjoni tal-Fertilizzanti ("EFIA") talbet biex tiġi rikonoxxuta bħala parti interessata fisem il-membri tagħha u sottomettiet kummenti bil-miktub. Tliet importaturi individwali indikaw li temmew kull importazzjoni ta' fertilizzanti li joriġinaw mir-Russja.
- (35) Il-preżentazzjonijiet bil-miktub waslu wkoll minn diversi assoċjazzjonijiet tal-utenti, b'mod partikolari l-Kumitat tal-Organizzazzjonijiet Agrikoli Professjonali fl-UE (COPA)/il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-UE (COGECA), NFU, u mill-assoċjazzjonijiet Franċiżi AFCOME (Association Française de Commercialisation et de Mélange d'Engrais) u AGPB (Association Générale des Producteurs de Blé et Autres Céréales).
- (36) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li hija qieset meħtieġa għad-determinazzjoni ta' dumping, il-ħsara li tirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

- AB "ACHEMA", Jonolaukio k., Ruklos sen., Jonavos r., Lithuania,
- Grupa Azoty Zakłady Azotowe "Puławy" S.A, Poland,
- Grow How UK limited, Ince, United Kingdom,
- YARA France S.A., France.

Il-produtturi esportaturi fir-Russja

- JSC Acron, JSC Dorogobuzh, l-operatur tas-suq relatat ZAO Agronova — Bryansk (Acron),
- Eurochem MMC OJSC, OJSC Nevinnomyssky Azot u OJSC Novomoskowskaya Joint-Stock Company Azot (EuroChem),
- OJSC UCC UralChem, Berezniki Azot u Kirovo-Chepetsk Chemical works (UralChem),
- Kemerovo JSC "Azot" u LLC "Angarsk Nitrogen Fertilizer Plant" (SBU Azot).

L-imporatur relatat

- Agronova Europe AG, Switzerland (relatata ma' Acron).

1.5. Id-divulgazzjoni

- (37) Fit-13 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni żvelat lill-partijiet interessati kollha l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kienet fi ħsiebha tipproponi li żżomm fis-seħħ il-miżuri ta' antidumping u stiednet lill-partijiet interessati kollha sabiex jikkummentaw. Il-kummenti magħmula mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni u ttieħdu inkonsiderazzjoni, fejn xieraq.
- (38) Wara d-divulgazzjoni, l-RFPA irreprietet li n-numru ta' allegati irregolaritajiet proċedurali kienu seħħew matul ir-rieżami, u nnotat ir-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess għal verżjoni inizjali ta' talba mressqa mir-rikorrenti fit-28 ta' Marzu 2013 kif ukoll l-għoti tal-aċċess għall-fajl mhux kunfidenzjali allegatament qabel iż-żmien.

- (39) Rigward it-talba għal aċċess it-talba inizjali għar-rieżami, is-servizzi tal-Kummissjoni spjegaw diversi drabi bil-miktub u bil-fomm, inkluż f'laqgħat ippreseduti minn Uffiċjal tas-Seduta, ir-raġunijiet għaliex din it-talba ma setgħetx tiġi aċċettata skont il-qafas legali applikabbli.
- (40) Fir-rigward tal-għoti ta' aċċess allegatament qabel il-waqt, għall-fajl mhux kunfidenzjali, il-Kummissjoni tqis li anki jekk din l-affermazzjoni tkun ġustifikata, id-drittijiet tad-difiża tal-REPA ma ġewx affettwati. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ddivulgat lill-REPA fi żmien tajjeb il-fatti essenzjali li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tkompli l-miżuri u tat lill-RFPA biżżejjed żmien biex tirreaġixxi. It-tieni nett, qabel din id-divulgazzjoni, l-RFPA kellha aċċess għall-fajl mhux kunfidenzjali kollu.
- (41) L-RFPA affermat ukoll li "kuntrarjament għal prattika standard", il-laqgħat li saru bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u r-rikorrenti f'Mejju u f'April 2014 ma kinux irreġistrati fil-fajl mhux kunfidenzjali u li d-dejta limitata mressqa mir-rikorrenti f'Mejju 2014 ma kinitx akkumpanjata minn sommarju adegwat mhux kunfidenzjali.
- (42) Hija prattika standard li partijiet interessati li talbu smiġh jippreżentaw l-opinjoni tagħhom bil-fomm u jakkumpanjawhom b'sottomissjonijiet bil-miktub. Verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' dawn is-sottomissjonijiet huma mdaħħla fil-fajl miftuħ għal spezzjoni u jkun disponibbli għal kwalunkwe parti interessata oħra. Dawn id-dokumenti jirreġistraw il-laqgħat u s-smiġh li jsir mis-servizzi tal-Kummissjoni. Għalhekk, din il-pretensjoni hija miċħuda bħala fattwalment skorretta.
- (43) Fir-rigward tat-tieni dikjarazzjoni, il-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dejta limitata sottomessa f'Mejju 2014 ma setgħetx tiġi ppreżentata b'mod differenti mingħajr ma tikxef sigrieti kummerċjali tal-produtturi tal-Unjoni. B'hekk, din l-allegazzjoni ukoll ma tistax tiġi milqugħa.

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

2.1. Il-prodott ikkonċernat

- (44) Il-prodott ikkonċernat minn dan ir-rieżami huwa l-istess bħall-prodott definit fir-Regolament (KE) Nru 661/2008, jiġifieri fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 30 90, 3102 40 90, ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 20 u li joriġinaw mir-Russja (minn hawn 'il quddiem "AN" jew "il-prodott ikkonċernat"). Madankollu, fir-rigward tal-AN prodott minn JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat (Kirovo) hu biss l-AN li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90 li huwa l-prodott konċernat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 989/2009.
- (45) Il-materja prima ewlenija użata fil-produzzjoni tal-AN huwa gass, li jammonta għal 70 % sa 80 % tal-ispejjeż totali tal-produzzjoni. L-estensjoni tal-ambitu tal-prodott fl-2005 kellha l-għan li tkopri wkoll nitrat tal-ammonju li miegħu żdied il-fosforu u/jew nutrijenti tal-potassju, billi nstab li dawn it-taħlitiet kellhom essenzjalment l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess proprjetajiet agronomiċi.
- (46) Għandu jiġi nnutat li l-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90 (rispettivament, "nitrat tal-ammonju għajr f'soluzzjonijiet fil-ilma" u "taħlitiet ta' nitrat tal-ammonju mal-karbonat tal-kalċju jew sustanzi oħra inorganiċi mhux fertilizzanti, b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-28 % fil-piż") jistgħu jinkludu AN użat għal skopijiet industrijali (bħal produzzjoni ta' splussivi) kif ukoll użat għal skopijiet agrikoli. Iż-żewġ tipi għandhom l-istess karatteristiċi kimiċi u tekniċi, li jistgħu faċilment ikunu interkambjabbli u huma kkunsidrati bħala l-prodott ikkonċernat.
- (47) Wara d-divulgazzjoni, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet Russi sostnew li l-estensjoni tal-ambitu tal-prodott li saret fl-2005 hija inkonsistenti mal-Ftehim Antidumping tad-WTO minħabba li ma setgħet saret l-ebda determinazzjoni ta' dumping, ħsara u rabta kawżali fir-rigward tal-prodotti addizzjonali koperti mill-estensjoni tal-2005.
- (48) Dan l-ilment huwa infondat għar-raġunijiet diġà msemmija fil-premessa 22 u għalhekk hu miċħud.

2.2. Il-prodott simili

- (49) Bħal f'investigazzjonijiet preċedenti, instab li l-AN prodott u mibjugħ fis-suq intern fir-Russja u l-AN esportat lejn l-Unjoni mir-Russja għandhom l-istess karatteristiċi u użijiet bażiċi fiżiċi u tekniċi. Għalhekk, huma prodotti simili għall-għanijiet tal-investigazzjoni attwali fit-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.
- (50) L-AN prodott mill-industrija tal-Unjoni fejn jidħlu l-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi huwa prodott simili għall-AN esportat lejn l-Unjoni mir-Russja.

3. IL-PROBABILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIKORRENZA TA' DUMPING

3.1. Il-kummenti preliminari

- (51) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti tistax x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping.

3.2. Dumping ta' importazzjonijiet matul il-PIR

- (52) Kif indikat fil-premessa 32 hawn fuq, wieħed biss mill-produtturi esportaturi fil-kampjun (Acron) ikkoopera bis-sħiħ fl-investigazzjoni. Madankollu, kif stipulat fil-premessa 3, fl-2008 il-Kummissjoni aċċettat impenn dwar prezz offrut minn Acron, li kien għadu fis-seħħ matul il-PIR. Minħabba l-eżistenza tal-impenn fuq il-prezz, il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-Acron matul il-PIR kienu ddeterminati b'dak l-impenn fuq il-prezz li jfissra prezz minimu tal-importazzjoni. Konsegwentement, dawn il-prezzijiet tal-esportazzjoni ma kinux ikkunsidrati bħala element affidabbli fl-evalwazzjoni ta' jekk id-dumping ikunx probabbli li jkompli jew li jerġa' jseħħ jekk il-miżuri antidumping jitħallew jiskadu.
- (53) Wara d-divulgazzjoni, l-RFPA argumentat li dan ifisser li l-Kummissjoni sabet li effettivament ma hu qed iseħħ l-ebda dumping. Dan mhux preċiż. Peress li l-produtturi esportaturi Russi meħuda fil-kampjun, bl-eċċezzjoni ta' Acron, ma kkooperawx b'mod sħiħ, il-Kummissjoni ma kellhiex biżżejjed dejta biex tagħmel kalkoli tad-dumping fuq il-bażi tad-dejta tal-kumpaniji nfushom. Għall-Acron setgħet wettqet kalkolu ta' dumping, iżda kif ġie spjegat fil-premessa 52, il-Kummissjoni kkunsidrat li d-dejta ma kinitx affidabbli għall-fini ta' dan ir-rieżami tal-iskadenza.
- (54) Acron sostniet li l-argument tal-Kummissjoni li l-prezzijiet reali tagħha fl-UE mhumiex affidabbli minħabba l-eżistenza tal-impenn fuq il-prezzijiet, u għalhekk ma jstgħux jintużaw sabiex jiġi stabbilit prezz għall-esportazzjoni, kien illegali. Madankollu, dan ma kienx l-argument tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma ddikjaratx li l-prezzijiet tal-esportazzjoni ma setgħux bħala tali jintużaw minħabba l-impenn fuq il-prezz, iżda kkonkludiet li dawn il-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu meqjusa bħala element mhux affidabbli għall-analiżi tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' din l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni ma tikkunsidrax il-prezzijiet tal-esportazzjoni bbażati fuq impenn fuq il-prezz bħala indikatur sinifikanti għall-analiżi ta' mgħiba futura ta' produtturi esportaturi fin-nuqqas ta' miżuri u kwalunkwe impenn fuq il-prezz.
- (55) Kuntrarju għal dak li ġie argumentat minn Acron, il-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu lejn l-UE ma jstgħux jit-qiesu li huma biss ir-riżultat ta' kundizzjonijiet tas-suq normali. Matul il-PIR sħiħ, l-Acron kienet l-uniku produttur esportatur Russu li bbenefika minn impenn fuq il-prezz, il-produtturi esportaturi Russi l-oħra kollha kienu suġġetti għad-dazji. Dawn l-elementi definittivament affettwaw il-pożizzjoni kompetittiva ta' Acron bħala l-uniku fornitur Russu tas-suq tal-UE.

3.3. Il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping

- (56) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-premessi 52 sa 55, il-Kummissjoni analizzat jekk kienx hemm evidenza ta' probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping jekk il-miżuri jiskadu. Hi analizzat il-fatturi li ġejjin: il-prezz tal-esportazzjoni mir-Russja lejn destinazzjonijiet oħra, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità żejda fir-Russja bħala pajjiż sħiħ u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni u swieq terzi oħrajn.

3.3.1. L-esportazzjoni mir-Russja lejn destinazzjonijiet oħra

- (57) Il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-prezz tal-esportazzjoni medju peżat mill-fabbrika tal-Acron lejn is-swieq ta' pajjiżi terzi bħal Brazzil, il-Kolombja u l-Perù matul il-PIR kien aktar baxx milli l-prezz mill-fabbrika medju domestiku attwali mħallas jew li jitħallas matul il-PIR. L-Acron għalhekk biegħet bi prezzijiet ta' dumping lejn swieq ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari lejn il-Brazzil, is-suq tal-esportazzjoni prinċipali bil-kbir tal-pajjiżi terzi.
- (58) Għat-tliet produtturi esportaturi oħrajn fil-kampjun Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll li l-prezz tagħhom medju peżat mill-fabbrika lejn pajjiżi terzi bħal Brazzil, il-Perù, il-Kolombja, l-Ukraina u l-Każakistan għal kull wieħed mit-tlieta ġie inqas mill-prezz medju peżat mill-fabbrika mħallas jew pagabbli matul il-PIR u għalhekk kien mibjugħ ukoll bi prezzijiet ta' dumping. Din il-konklużjoni kienet iebażata fuq dejta vverifikata pprovduta mill-produtturi esportaturi Russi, li ammontat għal madwar 80 % tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Għaldaqstant, ma kienx hemm lok għall-Kummissjoni li tirrikorri għall-istatistika tal-esportazzjoni Russa, kif issuġġeriet l-RFPA. Il-bejgħ tal-esportazzjoni tal-erba' produtturi esportaturi fil-kampjun lejn pajjiżi terzi saru b'livell ta' prezz sostenibbli matul il-PIR.

- (59) L-RFPA argumentat li d-dejta disponibbli fid-dokument ta' divulgazzjoni jissuġġerixxi li sa fejn għandha x'taqsam il-Eurochem, ma hemm l-ebda dumping jew, l-aktar l-aktar, dumping *de minimis*. L-argument mhuwiex fl-oħra. L-għan ta' din l-analiżi mhuwiex li jiġi kkalkulat eżatt il-marġni ta' dumping tal-Eurochem, iżda li jiġi ddeterminat jekk ikunx hemm il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping mir-Russja jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. F'dan il-kuntest, l-investigazzjoni żvelat li, anki għall-Eurochem, il-prezzijiet medji mill-fabbrika lejn pajjiżi terzi kienu aktar baxxi minn prezzijiet medji mill-fabbrika domestiċi tagħhom u għalhekk kienu mibjugħa bi prezzijiet ta' dumping. Il-politika tal-ipprezzar tal-Eurochem għall-bejgħ lejn pajjiżi terzi (bejgħ għall-esportazzjoni taħt il-prezzijiet domestiċi) huwa fattur rilevanti invokat għad-determinazzjoni globali li x'aktarx se jkun hemm rikorreza ta' dumping lejn l-UE jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.
- (60) L-RFPA argumentat li l-ebda metodoloġija xierqa ma ntużat fil-kalkoli tad-dumping. Kif spjegat, il-Kummissjoni ma kkalkulatx il-marġini tad-dumping iżda sempliċement ipparagunat il-prezzijiet medji domestiċi mill-fabbrika mal-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-fabbrika fuq il-bażi tad-dejta rrappurtata mill-kumpaniji fil-kampjun. F'probabbiltà ta' rikorrenza ta' analiżi ta' dumping m'hemmx bżonn li jiġi kkalkolat marġini ta' dumping preċiż, u għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni biex jintużaw il-valuri CIF, kif issuġġeriet l-RFPA.
- (61) L-RFPA argumentat li l-Kummissjoni ma qabblitx il-prezzijiet fuq il-bażi tal-prodott, u li ma kien sar ebda aġġustament tal-livell tal-kummerċ. Il-Kummissjoni analizzat l-affermazzjoni u sabet differenza simili fil-prezz anke jekk il-paragun kien ikun sar fuq il-livell tal-prodott. Il-livell ta' aġġustamenti kummerċjali fi kwalunkwe każ ma setax isir, peress li l-kumpaniji fil-kampjun, ħliet Acron, parzjalment biss ikkooperaw u ma pprovdewx dejta dettaljata biżżejjed, b'mod partikolari fil-listi dettaljati ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni. Għaldaqstant dan l-argument ġie miċħud.
- (62) Il-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni matul il-PIR ma setax jintuża biex jiddetermina l-imġiba ġejjiena tat-tliet produttori esportaturi l-oħra fil-kampjun għar-raġunijiet li ġejjin. Matul il-PIR, il-Eurochem, l-Acron, esportat biss skont l-impenn fuq il-prezz. Il-EuroChem kellha bejgħ lejn l-Unjoni biss matul il-perjodu li kellha impenn fis-seħħ, filwaqt li ma kellha l-ebda bejgħ wara li l-impenn ġie irtirat fil-11 ta' Ottubru 2012 mill-Kummissjoni permezz tad-Deċiżjoni 2012/629/UE. Sa fejn għandhom x'jsaqmu l-SBU Azot u l-UralChem, huma ma bigħux il-prodott ikkonċernat lill-Unjoni matul il-PIR.
- (63) Il-Kummissjoni ma qasitx li hu meħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-bejgħ domestiku sarx fl-andament normali tal-kummerċ. Fil-fatt il-prezzijiet domestiċi attwali diġà juru li l-bejgħ tal-esportazzjoni lejn swieq ta' pajjiżi terzi huma l-oġġett ta' dumping. Għalhekk, eżami tal-profitabbiltà tal-bejgħ domestiku, bil-konsegwenza potenzjali li jkun hemm bżonn li jinħadem il-valur normali (fuq il-bażi ta' kostijiet u qligħ raġonevoli) jekk tali bejgħ jinstab li jkun qed jagħmel it-telf, seta' jwassal biss għal żieda tal-valur normali, u b'hekk tal-marġni ta' dumping misjuba għall-bejgħ tal-esportazzjoni lejn swieq ta' pajjiżi terzi.
- (64) Fil-kuntest ta' rieżami tal-iskadenza u l-analiżi tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping, huwa suffiċjenti li jiġi stabbilit li huwa probabbli li jerġa' jseħħ dumping jekk il-miżuri jiskadu. Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni ma ratx il-bżonn li jiġu analizzati l-profitabbiltà fil-bejgħ domestiku u, għaldaqstant, ma ġietx ivvalutata l-affidabbiltà tal-ispejjeż tal-produzzjoni skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku.
- (65) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-produttori esportaturi Russi bħalissa jbigħu l-prodott ikkonċernat bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping lil pajjiżi terzi fl-Amerika Latina, tal-Ewropa tal-Lvant, l-Afrika u l-Asja. Matul il-PIR, il-prezz ta' esportazzjoni medju mill-fabbrika ta' erba' produttori esportaturi fil-kampjun kien ta' EUR 201/tunnellata lil pajjiżi terzi, filwaqt li l-prezz domestiku medju mill-fabbrika kien EUR 221/tunnellata. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li huwa probabbli li, jekk il-miżuri attwali jiġu revokati, il-produttori Russi li jesportaw se jbigħu wkoll lejn l-Unjoni fl-ivvelli dumped.
- (66) L-RFPA affermat li paragun tal-prezzijiet domestiċi Russi mal-prezzijiet Russi tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi huwa bla sens. Madankollu, il-Kummissjoni tqis f'dan ir-rigward li dawn il-prezzijiet huma indikatur importanti fil-valutazzjoni ta' kif l-esportazzjonijiet futuri lejn l-Unjoni x'aktarx jiżviluppaw fl-każ li l-miżuri jiskadu, peress li l-esportazzjonijiet Russi lejn il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi terzi m'humiex soġġetti għal dazji antidumping. B'mod partikolari fin-nuqqas ta' dejta affidabbli dwar l-esportazzjonijiet Russi lejn l-Unjoni matul il-PIR, kif spjegat fil-pre-messa 52, il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi huma element importanti f'din il-valutazzjoni ġenerali.
- (67) Il-gvern Russu u l-Acron argumentaw f'dan ir-rigward li l-kontinwazzjoni tal-miżuri diġà hija illegali bbażata fuq il-fatt li dawn il-miżuri ġew imposti, bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 661/2008, fl-ewwel lok bl-użu tal-metodoloġija tal-aġġustament allegatament illegali tal-gass biex jinħadem il-valur normali.

- (68) Kif stabbilit fil-premessa 63, f'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma tqisx li huwa neċessarju li jiġi stabbilit jekk il-bejgħ domestiku sarx fl-andament ordinarju tal-kummerċ bil-konsegwenza potenzjali li l-valur normali kellu jinħadem. Kif l-Acron ġustament saħqet fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni, dan ma jipprekludix il-bini tal-valur normali, inklużi l-aġġustamenti meħtieġa, fejn xieraq fi kwalunkwe investigazzjonijiet futuri.

3.3.2. Kapaċitajiet żejda

- (69) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-kapaċità żejda tal-produtturi Russi magħrufa fuq il-bażi segwenti. Id-dejta dwar il-kapaċità żejda għal erba' kumpaniji fil-kampjun kienu bbażati fuq it-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju, ikko-reguti fejn meħtieġ wara ż-żjarat ta' verifika. Għall-impjanti li jipproduċu kemm nitrat tal-ammonju użat bħala fertilizzant u nitrat tal-ammonju użat għal skopijiet industrijali (bħal produzzjoni ta' splussivi), l-hekk imsejħa "nitrat tal-ammonju b'densità baxxa", li huwa wkoll il-prodott ikkonċernat kif stipulat fil-premessa 46, il-kapaċità żejda totali tagħhom kienet ġiet ikkunsidrata. Bl-istess mod, il-kapaċità żejda ta' impjanti li jipproduċu biss nitrat tal-ammonju użat għal skopijiet industrijali ġiet ikkunsidrata wkoll. Barra minn hekk, il-kapaċità żejda totali ta' Kirovo ġiet inkluża fil-kalkolu tal-kapaċità żejda peress li l-kapaċità żejda ta' tipi oħra ta' nitrat tal-ammonju li bħalissa jinsabu esklużi mill-applikazzjoni tal-miżuri antidumping ⁽¹⁾ tista' faċilment tiġi użata għall-produzzjoni ta' nitrat tal-ammonju li bħalissa jaqgħu fil-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90.
- (70) Mill-ħames produtturi Russi li jifdal kumpanija waħda pprovdiet lill-Kummissjoni bi tweġiba individwali dwar il-kapaċità żejda tagħha. Għall-bqija, id-dejta ġiet ipprovduta mill-RFPA.
- (71) Fejn iċ-ċifri tal-produzzjoni attwali sottomessi minn produtturi Russi mhux fil-kampjun kienu ogħla mill-kapaċità rapportata, il-produzzjoni attwali ttieħdet bħala bażi biex tiġi ddeterminata l-kapaċità attwali. F'dawk il-każijiet, il-kapaċità rapportata kienet tikkonċerna l-kapaċitajiet nominali (li hija l-kapaċità prevista tal-impjanti) li ma ġewx ikko-reguti wara li l-impjanti kellhom aġġornament li rriżulta f'żieda tal-kapaċità tagħhom.
- (72) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni stabbilixxiet li matul il-PIR, il-produtturi esportaturi Russi kellhom total ta' 9 592 000 tonnollata, filwaqt li l-produzzjoni reali tagħhom (inkluż in-nitrat tal-ammonju użat għal skopijiet industrijali u tipi oħra ta' nitrat tal-ammonju li bħalissa jinsabu esklużi mill-applikazzjoni tal-miżuri antidumping ⁽²⁾) kienet ta' 8 519 105 tonnollata.
- (73) Konsegwentement, u kuntrarjament għall-allegazzjonijiet mill-RFPA li l-kapaċità installata tal-produtturi esportaturi tiġi uttilizzata kompletament, matul il-PIR produtturi esportaturi kellhom 1,07 miljun tonnollata ta' kapaċità żejda. Din il-kwantità tikkorrispondi għal 16,9 % tal-konsum tal-Unjoni (fuq il-bażi stabbilita ta' konsum ta' 6,35 miljun tonnollata matul il-PIR, ara taqsima 5.1 hawn taħt).
- (74) Madankollu, il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll fil-kuntest tal-analiżi prospettiva tagħha li wara l-PIR il-kapaċità se tkompli tiżdied b'madwar 472 000 tonnollata minħabba l-installazzjoni ta' kapaċitajiet ġodda minn uħud mill-produtturi esportaturi fil-kampjun. Il-kapaċità żejda totali b'hekk tammonta għal 24,3 % tal-konsum tal-Unjoni.
- (75) Wara d-divulgazzjoni, l-RFPA tenniet li ma teżisti l-ebda kapaċità żejda jew tal-anqas li l-Kummissjoni jmissha tanalizza l-fatt li ma teżisti l-ebda kapaċità żejda nominali. Ukoll, l-RFPA ma qablitx li kapaċitajiet ġodda nbnew wara l-PIR.
- (76) L-RFPA u l-produtturi esportaturi Russi rrapportaw il-kapaċità installata tagħhom fuq il-bażi tal-kapaċità teoretika nominali, li fxi każijiet ma qisix l-aħħar aġġornamenti. Dan kien ċar għall-Kummissjoni wara ż-żjarat ta' verifika, u ġie kkunsidrat. Kif enfasizzat ġustament l-RFPA fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni, ġiet aċċettata l-kapaċità nominali rrapportata għall-produtturi Russi mhux inklużi fil-kampjun, għall-produtturi Russi mhux inklużi fil-kampjun li pproduċew inqas mill-kapaċità rapportata. Għall-produtturi oħra mhux inklużi fil-kampjun, fejn iċ-ċifri tal-produzzjoni attwali rrapportati kienu ogħla mill-kapaċità rapportata, il-produzzjoni attwali ttieħdet bħala bażi biex tiġi ddeterminata l-kapaċità reali. Għal tliet produtturi mhux fil-kampjun, li ma ssottomettew l-ebda dejta dwar il-kapaċità u l-produzzjoni, ġiet użata id-dejta tal-RFPA.
- (77) Il-Kummissjoni tikkunsidra dan bħala approċċ ċar u koerenti meta tistabbilixxi l-kapaċità tal-produzzjoni totali tal-produtturi Russi tal-prodott ikkonċernat. Għall-kuntrarju ta' dak li ġie allegat, l-istess metodoloġija kienet

⁽¹⁾ Dan hu nitrat tal-ammonju li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tal-NM li ġejjin: ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 20.

⁽²⁾ Dan hu nitrat tal-ammonju li jaqa' fi ħdan il-kodiċi tal-NM li ġejjin: ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 20.

applikata għall-produtturi kollha. Jekk il-produzzjoni attwali kienet ogħla mill-kapaċità nominali rrapportata, pereżempju minħabba aġġornament ta' faċilitajiet ta' produzzjoni, il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġuni għaliex tali kapaċità addizzjonali bħala fatt ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni peress li huwa ovvju li l-kapaċità nominali mhijiex preċiża. L-argument li metodoloġija bħal din mhijiex komuni fis-suq, kif allegat, mhuiwix ikkunsidrat bħala raġuni biex il-produzzjoni attwali tad-dejta tiġi ttraskurata. Barra minn hekk, il-mod li bih tiġi kkualkulata l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni, kif ġie ppreżentat mill-RFPA, huwa irrilevanti fid-determinazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni totali tal-produtturi Russi.

- (78) Għall-kuntrarju ta' dak li ġie allegat mill-RFPA, in-nuqqas ta' użu ta' kapaċitajiet nominali rrapportat fxi każijiet u s-sostituzzjoni taġġhom b'dejta ta' produzzjoni, fil-biċċa l-kbira vverifikata, ma jfissirx li l-Kummissjoni applikat il-kunċett tal-aħjar fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Fir-rigward tal-kapaċità, il-Kummissjoni għamlet użu sħiħ tad-dejta pprovduta mill-produtturi Russi nfushom, iżda applikat metodoloġija għall-kalkolu tal-kapaċità totali ta' produzzjoni, fejn mhux biss il-kapaċità nominali iżda wkoll il-produzzjoni u l-kapaċità attwali kienu ġew ikkunsidrati. Din il-metodoloġija ġiet stipulata f'dokument ta' informazzjoni ġenerali, u r-riżultat tal-applikazzjoni ta' din il-metodoloġija, għal kull kumpanija u anke għal kull impjant, ġie ddivulgat lill-kumpaniji kkonċernati. Għaldaqstant, fid-determinazzjoni tal-kapaċità totali tal-produzzjoni, il-Kummissjoni għamlet biss l-użu ta' dejta li ġiet ipprovduta minn produtturi Russi u l-RFPA. Id-dejta rilevanti kollha ġiet ipprovduta u ma kien hemm ebda bżonn li wieħed jirrikorri għal sorsi oħra ta' dejta f'dan ir-rigward.
- (79) B'mod ġenerali, fir-rigward tal-produtturi li ma ġewx spezzjonati, ġiet użata d-dejta dwar il-kapaċità u l-produzzjoni rrapportati minn dawn il-produtturi fit-tweġibiet taġġhom. L-RFPA ipprovdiet kummenti dwar il-kalkolu tal-kapaċità ta' ċerti kumpaniji u impjanti. Kien argumentat li, rigward il-produttur Uralchem Kirovo, il-volum tal-produzzjoni fil-PIR, kif stipulat fid-dokument ta' żvelar, ma kienx korrett. Il-Kummissjoni aċċettat dan il-punt u minflok użat il-volum ta' produzzjoni kif imsemmi fis-sottomissjoni wara d-divulgazzjoni. Tqies ukoll ir-rapport tekniku dwar il-kapaċità, ipprovdut matul iż-żjara fl-impjanti, li kien relatat ma' produzzjoni massima tal-AN li ntlaħqet mill-impjant ikkonċernat kif irrilevat ġustament l-RFPA. Rigward il-produttur Uralchem Berezniki, fil-kalkolu tal-kapaċità kien użat in-numru ta' għaxart jjiem għall-manutenzjoni kif irrappurtat minn din il-kumpanija matul iż-żjara ta' verifika. Kummenti li waslu wara d-divulgazzjoni dwar waqfiet addizzjonali ma kinux sostanzjati u deheru li kienu ibbażati fuq id-dejta ta' kumpanija oħra. Għalhekk dawn il-kummenti ġew rifjutati.
- (80) Bl-istess mod, kummenti dwar ċerti restrinġimenti fil-proċess ta' produzzjoni ta' impjanti oħra, ma kinux issostanzjati, ma setgħux jiġu vverifikati u għalhekk ma kinux ikkunsidrati lanqas. Rigward impjant wieħed partikolari, ir-restrinġiment deher li kien marbut mal-produzzjoni tal-aċidu nitriku. Madankollu, anki jekk tittieħed inkunsiderazzjoni l-allegata produzzjoni massima tal-aċidu nitriku, xorta jkun possibbli li tintlaħaq il-kapaċità kif stabbilita mill-Kummissjoni, filwaqt li jitqies il-fatt li sabiex tiġi prodotta tunnellata metrika waħda ta' AN hi meħtieġa inqas minn tunnellata waħda ta' aċidu nitriku.
- (81) Sa fejn għandha x'taqsam iż-żieda fil-kapaċità wara l-PIR, l-RFPA argumentat li ż-żieda ta' kapaċità fir-rigward ta' produttur wieħed li għamel investment relatat mal-linja ta' produzzjoni ġdida kienet sopravvalutata. Madankollu, il-Kummissjoni bbażat il-kapaċità mbassra fuq it-traduzzjoni bl-Ingliż ta' rapport tekniku fir-rigward ta' din il-linja ta' produzzjoni ġdida, li ġiet ipprovduta mill-kumpanija waqt iż-żjara ta' verifika fuq il-post tal-kumpanija, u għalhekk meqjusa bħala affidabbli.
- (82) L-Acron argumentat li ma għandhiex kapaċità żejda sinifikanti, l-aktar minħabba diffikultajiet fir-rigward tal-aċċess għall-materja prima. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-materja prima ma kinitx tinuża biss biex jiġi mmanifatturat il-prodott ikkonċernat imma wkoll ħafna prodotti oħrajn. Fid-dawl ta' dan l-użu wiesa' u, skont dan, il-possibbiltà li jinbidel faċilment l-użu tal-materja prima għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, dawn l-allegati diffikultajiet ma kinux ikkunsidrati bħala element li jillimitaw il-kapaċità totali tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat.
- (83) L-użu tal-metodoloġija deskritta fil-premessi preċedenti wasslet lill-Kummissjoni għall-konklużjoni li teżisti kapaċità żejda sinifikanti. L-argumenti mressqin mill-RFPA u l-Acron ma setgħux jiġu ssostanzjati u huma miċħuda.
- (84) Il-Kummissjoni tqis li, kieku l-miżuri attwali kellhom jitnehew, tal-inqas parti minn din il-kapaċità żejda x'aktarx li tintuża u tiġi indirizzata lejn swieq tal-Unjoni għar-raġunijiet li ġejjin.
- (85) L-ewwel nett, xi wħud mill-akbar swieq potenzjali għall-esportazzjoni tal-AN fid-dinja (bħall-Istati Uniti tal-Amerika u l-Awstralja) jibqgħu protetti minn miżuri tal-antidumping mill-esportazzjonijiet Russi. Barra minn hekk, is-suq taċ-Ċina jibqa' magħluq għall-importazzjoni tal-AN. Għalhekk il-produtturi Russi aktarx ma jkunux jistgħu jew addrittura ma jesportawx lejn dawn is-swieq.

- (86) Fit-22 ta' Mejju 2014, id-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti ppubblika r-riżultati preliminari tar-Rieżami Amministrattivi tad-Dazju Antidumping ⁽¹⁾ li jipproponi li Acron u Eurochem ma jieħdu l-ebda dazju għall-esportazzjonji tal-AN lejn l-Amerika. Madankollu, anki jekk din il-proposta kellha tiġi kkonfermata, id-dazji fis-seħħ bħalissa se jibgħu japplikaw għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha mir-Russja. Barra minn hekk, skont it-taq-sima 751(a)(2) tal-Att tat-Tariffi tal-Istati Uniti tal-1930, kif emendat (l-Att) it-tneħħija tad-dazji għall-Acron u Eurochem se jkun applikabbli biss għal sena u se jiġu mbagħad soġġetti għal rieżami annwali amministrattivi ieħor, u jista' jkun, skont l-eżitu ta' dak ir-rieżami, li d-dazji antidumping jergħu jiddaħħlu. Fl-aħħar, is-suq tal-Istati Uniti tal-AN użat bħala fertilizzant kien qed jonqos matul l-aħħar deċennju minħabba żieda fir-reqwiżiti ta' sigurtà u n-nuqqas ta' ħeġġa mid-distributuri li jkomplu jimmaniġġaw l-AN ⁽²⁾. Barra minn hekk, minħabba l-estrazzjoni tal-gass shale, li beda f'dawn l-aħħar snin, il-produtturi tal-AN tal-Istati Uniti issa għandhom aċċess għal gass orħos. Għalhekk, huwa probabbli li Acron u EuroChem se jiffaċċjaw kompetizzjoni qawwija u jistgħu ma jkunux kapaċi jiksbu ishma sostanzjali tas-suq fl-Istati Uniti.
- (87) L-RFPA argumentat li d-destinazzjonijiet ewlenin tal-esportazzjoni l-oħra tal-AN Russu, bħall-Amerika Latina (b'mod partikolari l-Brażil), l-Eġittu u t-Turkija se jiddiedu b'mod sinifikanti sal-2017 meta mqabbel mal-2012. Huma kkwotaw rapport li jbassar żieda globali bi 15 % tad-domanda tal-AN għall-Brażil, l-Eġittu, il-Perù, it-Turkija, l-Ekwador u l-Kolombja meħuda flimkien. Din iż-żieda hija ugwali għal 749 000 tunnellata (jiġifieri minn 4,851 miljun tunnellata metrika fl-2012 għal 5,6 miljun tunnellata fl-2017), li hija żieda medja ta' 149 800 tunnellata fis-sena. Madankollu, dan huwa biss ta' 9,7 % tal-kapaċità żejda annwali stmata tal-produtturi Russi. L-applikant iddikjara li l-konsum miżjud f'dawk il-pajjiżi se jkun parzjalment meħud minn produzzjoni domestika futura hekk kif il-pajjiżi inkwistjoni allegatament għandhom numru ta' proġetti biex jibnu l-kapaċità tagħhom stess fil-produzzjoni tal-AN jew fertilizzanti oħra bbażati fuq in-nitroġenu. Irrispettivament minn jekk dawk il-proġetti tassew jiġux realizzati u jekk jedhux f'idejhom mill-inqas b'mod parzjali ż-żieda fil-konsum, il-Kummissjoni tqis li l-konsum previst fil-pajjiżi inkwistjoni huwa flivell li jippermetti biss l-assorbiment parzjali ta' kapaċità żejda tal-produtturi Russi.
- (88) Wara d-divulgazzjoni, l-RFPA argumentat li l-Kummissjoni ma qisix żidiet fil-konsum fi swieq oħra ta' pajjiżi terzi tal-AN Russu, b'mod partikolari fir-reġjun tal-ex Unjoni Sovjetika (FSU). Madankollu, f'wieħed mis-swieq ewlenin f'dak ir-reġjun, l-Ukraina, huma fis-seħħ ukoll dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet Russi. Fl-Lulju tal-2014, id-dazji ġew estiżi għal perjodu ta' ħames snin u l-livell tad-dazji tela' b'mod sinifikanti. Għalhekk dan is-suq qed iwaqqaf terġa' aktar importazzjonijiet tal-AN mir-Russja.
- (89) Barra minn hekk, il-livell tal-prezz fi swieq oħra, bħal pereżempju fil-Kazakistan, huwa tali li jkun aktar attraenti għal produtturi esportaturi Russi li jidderieġu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni. Dawn is-swieq ukoll, huma ferm iżgħar mis-suq tal-Unjoni. Pereżempju, il-konsum fil-Kazakistan huwa anqas minn 4 % tal-konsum fl-Unjoni.
- (90) Barra minn hekk, ġie argumentat li t-tkabbir proġettat ta' destinazzjonijiet tal-esportazzjoni ewlenin oħrajn ma ġiex ikkalkulat b'mod korrett. Madankollu, id-dejta użata kienet ibbażata fuq ir-rapport indipendenti ċċitat fil-premessa 87. Anke jekk din id-dejta tidher li hi sottovalutata kif allegat, it-tkabbir previst fid-domanda xorta jista' faċilment jiġi ssodisfat bl-użu ta' biss parti mill-kapaċità żejda tal-produtturi Russi.
- (91) It-tieni, is-suq domestiku mhux probabbli li jassorbi l-kapaċità żejda. L-RFPA argumentat li, skont l-istess rapport, il-konsum fir-Russja wkoll għadu qawwi, u huwa mbassar li jiddied fil-ġejjieni, u l-produtturi Russi primarjament se jippruvaw jissodisfaw is-suq domestiku. L-RFPA rrepetiet dan l-argument wara d-divulgazzjoni. Madankollu matul il-PIR, il-bejgħ domestiku kien jirrappreżenta 53 % tal-bejgħ totali tal-produtturi Russi u ż-żieda mbassra bi 3 % kull sena għall-5 snin li ġejjin (medja ta' madwar 120 000 tunnellata fis-sena) tista' tkun koperta faċilment mill-kapaċità żejda li l-produtturi Russi diġà għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Iż-żieda annwali proġettata tikkostitwixxi inqas minn 7,8 % tal-kapaċità żejda annwali stmata tal-produtturi Russi wara l-PIR. Barra minn hekk, iż-żieda futura fil-konsum hija biss previżjoni u tista' ma sseħħx jew tkun b'ritmu aktar kajman minħabba li, skont l-istess rapport, kien hemm varjazzjonijiet sinifikanti tal-konsum domestiku li sehew f'dawn l-aħħar ħames snin meta mqabbel mal-konsum tal-Unjoni jew ta' pajjiżi terzi ⁽³⁾.
- (92) It-tielet, l-Unjoni tibqa' l-aktar suq importanti tal-AN fid-dinja, peress li huwa responsabbli għal madwar 18 % tal-konsum globali. Il-viċinanza ġeografika tagħha mar-Russja kif ukoll il-fatt li ċerti esportaturi Russi kienu kanali ta' distribuzzjoni stabbiliti sew fl-Unjoni jiffaċilitaw loġistikament l-esportazzjonijiet.

⁽¹⁾ <http://enforcement.trade.gov/frn/summary/russia/2014-11886.txt>

⁽²⁾ Inv. Nru 731-TA-856 (It-Tieni Rieżami), http://www.usitc.gov/publications/701_731/Pub4249.pdf, p. 11.

⁽³⁾ Pereżempju bejn l-2008 u l-2009 matul il-kriżi finanzjarja l-konsum tar-Russja waqa' bi 33 %, filwaqt li fl-UE t-tnaqqis kien biss ta' madwar 6 %, filwaqt li fil-Brażil, pereżempju, fil-fatt kien hemm żieda ta' madwar 28 %.

- (93) Wara d-divulgazzjoni, l-RFPA sostniet li l-allegati ostakoli tekniċi għall-kummerċ għal dħul tal-AN Russu fl-Unjoni għandhom jiġu kkunsidrati, jiġifieri l-projbizzjoni tal-bejgħ (fil-Ġermanja) jew ir-regolamentazzjoni stretta dwar il-ħażna f'ċerti Stati Membri oħra. Madankollu, bil-kontra ta' dak li sostni l-RFPA, dawk il-limitazzjonijiet japplikaw kemm għall-esportaturi minn pajjiżi terzi kif ukoll għall-produtturi tal-Unjoni b'mod mhux diskriminatorju u ma jaffettwax b'mod sproporzjonat l-importazzjonijiet. Barra dan, dawk il-limitazzjonijiet ma kellhomx impatt fuq l-attrattività ġenerali fis-suq tal-Unjoni, peress li jibqa' fost l-ikbar fid-dinja f'termini ta' konsum. Għalhekk il-Kummissjoni tirrifjuta din l-afermazzjoni.
- (94) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-produtturi Russi jiddisponu minn kapaċità żejda sinifikanti li x'aktarx tintuża għal esportazzjonijiet addizzjonali sostanzjali lejn l-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

3.3.3. Inċentivi biex il-volumi tal-bejgħ jiġu diretti mill-ġdid lejn l-Unjoni

- (95) Il-livell tal-prezz fl-Unjoni bħalissa huwa ħafna ogħla minn f'pajjiżi terzi ewlenin attwalment fornuti mir-Russja u fis-suq domestiku Russu. Matul il-PIR, il-medja tal-prezz tal-esportazzjoni mill-fabbrika (EUR 201/tunnellata) lejn il-pajjiżi terzi u l-medja tal-prezz domestiku mill-fabbrika (EUR 221/tunnellata) mill-erba' produtturi esportaturi fil-kampjun kienu rispettivament 34 % u 27 % aktar baxxi mill-medja tal-prezzijiet mill-fabbrika tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun (EUR 303/tunnellata) (ara t-Tabella 7) u wkoll orħos mill-medja tal-prezzijiet mill-fabbrika tal-importazzjonijiet mir-Russja lejn l-Unjoni (ara t-Tabella 2) u minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni (ara t-Tabella 3).
- (96) Jekk il-miżuri jitħassru, il-prezzijiet tal-Unjoni x'aktarx jonqsu bħala riżultat ta' żieda fil-provvista ta' importazzjonijiet bi prezzijiet aktar baxxi. Madankollu, invista tal-lakuna sinifikanti bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni ta' produtturi esportaturi Russi lejn pajjiżi terzi u l-prezzijiet iċċarġjati matul il-PIR fis-suq tal-Unjoni mill-produtturi esportaturi Russi, il-produtturi esportaturi minn pajjiżi terzi u l-produtturi tal-Unjoni, jidher improbabbli li l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni se jaqgħu għal-livell attwalment osservat fis-swieq ta' pajjiżi terzi, li l-produtturi Russi jespertaw lejhom. Għaldaqstant huwa probabbli li l-produtturi esportaturi jistinkaw biex jiksibu marġini ta' profit ogħla billi jbiegħu fl-Unjoni. Bħala riżultat, huwa probabbli li l-produtturi esportaturi jkollhom inċentiv li jidderieġu mill-ġdid il-volumi tal-esportazzjoni attwali tagħhom lejn pajjiżi terzi (li jammontaw għal madwar 3,4 miljun tunnellata fil-PIR ekwivalenti għal aktar minn 50 % tal-konsum tal-Unjoni) lejn l-Unjoni ⁽¹⁾.

3.4. Konklużjoni

- (97) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stipulati fit-Taqsima 3.3, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm probabbiltà ta' rikorenza ta' dumping u ta' żieda sostanzjali tal-kwantitajiet esportati lejn l-Unjoni, jekk il-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu.

4. ID-DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

- (98) L-industrija tal-Unjoni kienet definita bħala l-produtturi magħrufa tal-NA fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.
- (99) Kif indikat fil-premessa 19, intgħażel kampjun li jikkonsisti minn erba' kumpaniji. Il-produtturi kollha tal-Unjoni magħżula fil-kampjun ikkooperaw u baġhtu tweġibiet għall-kwestjonarju fi ħdan l-iskadenzi u saritilhom żjara matul l-investigazzjoni. Barra minn hekk, Fertilisers Europe pprovdiet dejta addizzjonali li tikkonċerna l-kapaċità, il-produzzjoni u l-bejgħ tal-produtturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u l-istimi għall-bqija tal-produtturi. Fejn kien possibbli, il-Kummissjoni vverifikat din l-informazzjoni ma' dejta pprovduta minn partijiet interessati oħra u/jew dejta disponibbli pubblikament.
- (100) Wara d-divulgazzjoni, l-RFPA ilmentat li l-kampjun magħżul mill-Kummissjoni ma kienx rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni. L-afermazzjoni hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-istess indikaturi ekonomiċi (b'mod partikolari l-profitabbiltà) jvarjaw bejn il-kumpaniji fil-kampjun u l-industrija tal-Unjoni b'mod ġenerali.
- (101) Din l-afermazzjoni ma tistax tiġi aċċettata. L-erba' kumpaniji inklużi fil-kampjun intgħażlu oġġettivament fuq il-bażi tal-volum tagħhom ta' produzzjoni u bejgħ tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku. L-iskop tat-teħid ta' kampjuni huwa li jippermetti lis-servizzi tal-Kummissjoni biex iwettqu investigazzjoni dettaljata ta' ċerti fatturi ta' ħsara għal parti rappreżentativa tal-industrija tal-Unjoni fiż-żmien

⁽¹⁾ Għal konklużjoni simili li ntlaħqet ara pereżempju ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/2004 tal-24 ta' Settembru 2004 (Glifosat — iċ-Ċina) (ĠU L 303, 30.9.2004, p. 1), premessa 41, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (KE) Nru 512/2010 (Nitrat tal-Ammonju — l-Ukraina) (ĠU L 150, 16.6.2010, p. 24), premessi 41 — 43.

disponibbli. Il-fatt li xi indikaturi tal-ħsara jstgħu jvarjaw bejn il-kumpaniji fil-kampjun u l-industrija totali tal-Unjoni ma jagħmilx il-kampjun rappreżentattiv. Minħabba li d-dejta tal-produtturi fil-kampjun għet ivverifikata fuq il-post fl-istabbilimenti tal-kumpaniji kkonċernati, din hija kkunsidrata bħala dejta affidabbli. Fi kwalunkwe każ, kif imsemmi fil-premessa 145, l-industrija tal-Unjoni nstab li ma kinitx f'sitwazzjoni ta' ħsara matul il-PIR.

- (102) Barra minn hekk, l-RFPA affermat li xi wħud mill-kumpaniji fil-kampjun naqsu milli jikkoperaw mal-Kummissjoni billi ma pprovdewx ċerta dejta jew li pprovdew biss dejta parzjali u skorretta. Bħala konsegwenza, l-RFPA talbet biex dik id-dejta ma tiġix invokata sabiex jinġibdu konklużjonijiet dwar l-istat tal-industrija tal-Unjoni u li għandhom jinġibdu konklużjonijiet sfavorevoli minħabba n-nuqqas ta' koperazzjoni mill-industrija tal-Unjoni, jew min-flok jintużaw l-indikaturi għall-industrija kollha tal-Unjoni.
- (103) Din l-affermazzjoni ma tistax tiġi aċċettata. Il-Kummissjoni hija sodisfatta mad-dejta mogħtija mill-kumpaniji fil-kampjun, li għet verifikata fuq il-post fl-istabbilimenti tal-kumpaniji kkonċernati u tiffirma parti affidabbli mill-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

5. IS-SITWAZZJONI TAS-SUQ TAL-UNJONI

5.1. Konsum fl-Unjoni

- (104) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum apparenti tal-Unjoni fuq il-bażi ta' (i) il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-applikant u (ii) importazzjonijiet minn pajjiżi terzi bbażati fuq dejta estratta mill-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6) ⁽¹⁾.
- (105) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Il-konsum tal-Unjoni (tunnellati metriċi)

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|--------------------------|-----------|-----------|-----------|-----------|
| Konsum totali tal-Unjoni | 7 174 863 | 6 674 500 | 6 698 722 | 6 356 761 |
| Indiċi (2010 = 100) | 100 | 93 | 93 | 89 |

Sors: Dejta pprovduta mill-applikant, dejta vverifikata u d-dejta tal-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6)

- (106) Bejn l-2010 u l-PIR, il-konsum tal-Unjoni naqas bi 11 %, minkejja l-fatt li l-produzzjoni tal-prodott agrikolu ma naqsitx bl-istess mod. Hemm tliet raġunijiet ewlenin għal tali tnaqqis. L-ewwel nett, it-tifrix ta' tagħmir u tekniki tjiebu u bħala konsegwenza ċertu kwantità ta' fertilizzanti hija meħtieġa għal kull metru kwadru tal-art. It-tieni, it-tnaqqis ta' konsum huwa kkompensat permezz tal-użu ta' fertilizzanti oħra bħal nitrat tal-ammonju tal-kalċju jew fertilizzanti komposti. It-tielet, tħassib dwar is-sikurezza u regoli stretti dwar il-produzzjoni u l-ħżin ta' nitrat tal-ammonju li jiskoraġġixxi l-użu ta' dan il-prodott.
- (107) Wara d-divulgazzjoni, l-RFPA talbet informazzjoni addizzjonali dwar is-sorsi tad-dejta dwar il-konsum iddivulgati mill-Kummissjoni u saret seduta ta' smiġħ ippreseduta mill-Uffiċjal tas-Seduta fis-26 ta' Ġunju 2014. Sussegwentement, l-RFPA affermat li d-dejta pprovduta mill-applikant kienet għet ippreżentata fi stadju tardiv wisq tal-proċedura, ma kinitx ivverifikata u inkoerenti ma' dejta pprovduta preċedentement mill-applikant. Barra minn hekk, l-RFPA affermat li dik id-dejta probabbilment ma inkludietx dejta dwar nitrat tal-ammonju tekniku u dwar taħtlitiet ta' nitrati tal-ammonju ma' sustanzi oħra fertilizzanti jew mhux fertilizzanti, peress li dawn kienu differenti minn dejta simili disponibbli għall-applikant u pprovduta lill-membri tagħha. Għalhekk, dawn għandhom jiġu injorati u għandhom jintużaw l-aħjar fatti disponibbli minflok.
- (108) Din l-affermazzjoni ma ntaqgħetx. Il-Kummissjoni għamlet użu mid-dejta pprovduta mill-applikant għall-bejgħ fl-UE u kkontroverifikat din id-dejta mad-dejta vverifikata tal-produtturi fil-kampjun. Għal dawk iċ-ċifri, id-dejta dwar l-importazzjonijiet ġew miżjuda biex ikun stabbilit il-konsum fl-Unjoni. Huwa għalhekk ikkunsidrat li din id-dejta hija affidabbli.

⁽¹⁾ Statistika tal-importazzjonijiet ta' kull xahar ibbażata fuq dejta attwali li hija pprovduta mill-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku fuq prodotti soġġetti għal miżuri antidumping.

- (109) L-RFPA affermat ukoll li l-bażi tal-kalkolu tal-Kummissjoni tal-konsum totali tal-Unjoni huwa baxx wisq, u li, fuq il-bażi ta' rapport ippubblikat minn analista tas-suq indipendenti, il-konsum qed jiżdied u mhux jonqos. B'mod aktar speċifiku, id-dejta meħuda minn dan ir-rapport dwar id-domanda tal-Unjoni għall-FGAN u EGAN (Nitrat tal-Ammonju fil-Grad ta' Splussiv) għall-2010 taqbel mad-dejta tal-Kummissjoni fir-reġjun ta' 7.1 miljun tunnellata, iżda d-dejta ta' qabel tiżdied aktar milli tonqos matul is-snin ta' wara.
- (110) Din l-affermazzjoni hija infondata peress li l-Kummissjoni użat id-dejta reali mogħtija mill-applikant li kienet parzjalment vverifikata kif ukoll l-istatistika disponibbli u tqis din id-dejta bħala affidabbli.

5.2. Volum, Prezzijiet u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-Russja

- (111) Il-volumi, l-ishma fis-suq u l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mir-Russja żviluppaw kif muri hawn taħt:

Tabella 2

Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati metriċi), sehem mis-suq u prezzijiet

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|--|---------|---------|---------|---------|
| Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) | 164 658 | 134 060 | 200 542 | 199 604 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 81 | 122 | 121 |
| Sehem mis-suq | 2,3 % | 2 % | 3 % | 3,1 % |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 88 | 130 | 137 |
| Prezz medju CIF (EUR/tunnellata) | 201 | 258 | 262 | 264 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 128 | 130 | 131 |

Sors: Il-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6)

- (112) Il-volum ta' importazzjonijiet mir-Russja żdied b'aktar minn 20 % matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sehem mis-suq tagħhom żdied b'aktar minn 30 %, minn 2,3 % fl-2010 għal 3,1 % fil-PIR. Il-prezzijiet CIF evolwew minn 201 għal EUR 264/tunnellata metrika matul il-perjodu kkunsidrat. Meta titqabbel il-medja tal-prezzijiet CIF tal-esportazzjoni Russa lejn l-Unjoni bi prezzijiet medji mill-fabbrika tal-produtturi tal-Unjoni matul il-PIR, jidher li l-prezzijiet Russi qegħdin iwaqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni. Il-prezz medju mill-fabbrika tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni matul il-PIR kien ta' 303 euro kull tunnellata. Madankollu, kif indikat fit-Taqsima 3, kważi kull produttur esportatur li biegħ il-prodott ikkonċernat matul il-PIR kellu impenn fuq il-prezz u l-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu lejn l-UE ġew iddeterminati minn dawk l-impenji fuq il-prezz li fmissaw il-prezzijiet minimi ta' importazzjoni. Għaldaqstant, dawn il-prezzijiet għall-esportazzjoni ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala indikatur affidabbli sabiex iwettqu l-kalkolu affidabbli u sinifikanti ta' twaqqiġ tal-prezz.
- (113) Wara l-id-divulgazzjoni, l-RFPA ikkummentat li l-kalkoli tal-Kummissjoni dwar it-twaqqiġ tal-prezzijiet u s-sottokwotazzjonijiet huma żbaljati, peress li jeħtieġu ħafna aġġustamenti (għal dazji ordinarji tad-dwana, l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni, differenzi fil-prodott, l-imballaġġ, u l-livell tal-kummerċ). L-RFPA ikkummentat ukoll li, meta mqabbel mar-rieżami tal-iskadenza preċedenti fl-2002, kien hemm bidla fil-metodoloġija rigward l-użu ta' aġġustamenti. L-RFPA issuġġerixxiet ulterjorment li l-prezzijiet tal-bejgħ f'esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' produttur Russu li mhux qed jibbenefika minn impenn kif ukoll il-prezzijiet tal-esportazzjoni ta' produttur Russu eżentat mid-dazji ta' antidumping għandhom jintużaw għall-għan ta' kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz.
- (114) F'dan ir-rigward huwa biżżejjed li wieħed ifakkar li l-Kummissjoni ma għamlet ebda l-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz u tas-sottokwotazzjoni għar-raġunijiet imsemmija fil-premessa (112). Għaldaqstant dawn l-affermazzjonijiet huma infondati.

5.3. Volum, prezzijiet u sehem mis-suq ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

- (115) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi matul il-perjodu kkunsidrat jidher fit-tabella ta' hawn taħt. It-tendenzi fil-kwantitajiet u fil-prezzijiet li ġejjin huma wkoll ibbażati fuq l-Eurostat.

Tabella 3

Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati metriċi), sehem mis-suq u prezzijiet

| | | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|--------------------|----------------------------|---------|---------|---------|---------|
| Pajjiżi terzi oħra | Volum f'tunnellata metrika | 348 100 | 312 043 | 295 139 | 285 962 |
| | <i>Indiċi</i> | 100 | 90 | 85 | 82 |
| | Sehem mis-suq | 4,85 % | 4,68 % | 4,41 % | 4,50 % |
| | <i>Indiċi</i> | 100 | 96 | 91 | 93 |
| | Prezz medju (CIF) | 201 | 270 | 279 | 275 |
| | <i>Indiċi</i> | 100 | 134 | 139 | 137 |

Sors: Il-Eurostat

- (116) L-AN huwa importat l-aktar mill-Ukraina, il-Ġeorġja u s-Serbja. Il-miżuri antidumping fis-seħħ kontra importazzjonijiet tal-AN mill-Ukraina skadew fl-2012. Il-volum totali tal-importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi terzi, għajr ir-Russja, naqas, is-sehem mis-suq tagħhom baqa' fil-biċċa l-kbira stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, u 'il fuq mis-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet Russi. Dan jista' jkun spjegat mit-tnaqqis fil-konsum fuq l-istess perjodu. Il-prezzijiet medji ġenerali tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra żdied skont l-istess xejra għall-prezzijiet Russi u l-prezzijiet tal-Unjoni.

5.4. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

- (117) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi rilevanti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-istat tal-industrija tal-Unjoni.
- (118) Għall-fini tal-analiżi tal-ħsara, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni hija vvalutata abbażi ta' indikaturi (produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjeggi, il-produttività u l-rkupru minn dumping tal-imgħoddi) u indikaturi makroekonomiċi (il-prezzijiet medji tal-unità, kostijiet tal-unità, kostijiet lavorattivi, inventarji, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-ħila li jiżdied il-kapital). Tal-ewwel huma bbażati fuq dejta pprovduta mill-applikant fl-ewwel talba għal rieżami u f'sottomissjonijiet sussegwenti u mill-istatistika u jirrigwardaw il-produtturi magħrufa kollha tal-Unjoni. Tal-aħħar huma bbażati fuq dejta li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u ġew verifikati matul l-investigazzjoni.

5.4.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

- (119) Ir-rieżami attwali ta' skadenza kkonferma s-sejbiet tal-investigazzjonijiet preċedenti li l-għbir ta' dejta preċiża u affidabbli dwar il-kapaċità u l-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat hija eżerċizzju kumpless. Fertilizzant solidu jinkiseb fl-impjant tal-partikulazzjoni (torri tal-ippelitjar) wara l-produzzjoni tat-tidwib/likur tan-nitrat tal-ammonju permezz ta' proċess ta' sinteżi kimika. It-tidwib/likur jista' jintuża biex jiġi prodott il-prodott solidu iżda wkoll prodotti oħra downstream, bħal nitrat tal-ammonju tal-kalċju. Barra minn hekk, il-prodott solidu jista' jintuża bħala fertilizzant iżda wkoll għal skopijiet industrijali. Jista' jkun hemm distorsjonijiet statistiċi minħabba l-eżistenza ta' impjanti għal skopijiet varji li jistgħu jaqilbu malajr il-produzzjoni għal jew minn fertilizzanti oħra. Ir-rata baxxa ta' użu tal-kapaċità għall-prodott ikkonċernat għalhekk hija indikatur inqas sinifikanti tas-sitwazzjoni ekonomika ġenerali tal-industrija tal-Unjoni.

- (120) Fid-dawl ta' dawn ir-riżervi, il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żvilup-paw tul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 4

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|--|------------|------------|------------|------------|
| Volum tal-produzzjoni (ftunnellati) | 6 963 753 | 6 877 806 | 7 143 611 | 6 911 630 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 99 | 103 | 99 |
| Kapaċità ta' produzzjoni (ftunnellati) | 15 132 238 | 15 292 512 | 15 499 487 | 15 475 487 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 101 | 102 | 102 |
| Utilizzazzjoni ta' kapaċità | 46 % | 45 % | 46 % | 45 % |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 98 | 100 | 98 |

Sors: Informazzjoni mill-applikant, tweġibiet għall-kwestjonarju tal-kampjun u tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju

- (121) Il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat baqgħet relattivament stabbli bejn l-2010 u l-PIR, fir-reġjun ta' 7 miljun tunnellata.
- (122) Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet ukoll fil-biċċa l-kbira stabbli matul il-perjodu. Il-kapaċità ta' produzzjoni rrap-purtata mill-industrija tal-Unjoni tqis it-totali tal-kapaċità ta' produzzjoni, mhux biss għall-prodott konċernat imma wkoll prodotti oħra. Fil-fatt, l-ammont reali ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-AN huwa konsiderevolment ogħla meta dawn il-prodotti l-oħra huma kkunsidrati. Pereżempju, fuq il-bażi tad-dejta vverifikata tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, l-użu tal-kapaċità matul il-perjodu kkunsidrat kien ta' madwar 20 punti perċentwali ogħla (minn 72 % fl-2010 għal 68 % tul il-PIR).

5.4.2. *Volum ta' bejgħ, sehem mis-suq u tkabbir*

- (123) Il-volumi ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati u s-sehem mis-suq żvilup-paw tul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 5

Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|--|-----------|-----------|-----------|-----------|
| Volum ta' bejgħ fl-Indiċi tas-suq tal-Unjoni (ftunnellati) | 6 662 106 | 6 228 396 | 6 203 041 | 5 871 195 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 93 | 93 | 88 |
| Sehem mis-suq | 92,9 % | 93,3 % | 92,6 % | 92,4 % |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 100 | 100 | 99 |

Sors: Informazzjoni mill-applikant, tweġibiet għall-kwestjonarju tal-kampjun u tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju

- (124) Il-volumi tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati naqas bi 12 % matul il-PIR meta mqabbel mal-volumi mibjugħa fl-2010. Dan l-iżvilupp huwa skont ix-xejra ġenerali ta' tnaqqis fil-konsum fis-suq tal-Unjoni, għar-raġunijiet spjegati fil-premessa 106.
- (125) Peress li kemm il-bejgħ u l-konsum naqsu matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni baqa' pjuttost stabbli u għalhekk l-industrija tal-Unjoni ma esperjenzat l-ebda tkabbir.

5.4.3. L-impjegi u l-produttività

- (126) Ibbażat fuq dejta vverifikata mill-erba' produttori tal-Unjoni fil-kampjun l-impjegi u l-produttività żviluppaw tul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 6

L-impjegi u l-produttività

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|-------------------------------|-------|-------|-------|-------|
| Numru ta' impjegati | 1 253 | 1 110 | 1 128 | 1 105 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 89 | 90 | 88 |
| Produttività (unità/impjegat) | 2 390 | 2 616 | 2 648 | 2 579 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 109 | 110 | 107 |

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju verifikati.

- (127) Matul il-perjodu kkunsidrat in-numru ta' impjegati fl-erba' kumpaniji fil-kampjun naqas (bi 12 % meta mqabbel mal-2010 u mal-PIR). Peress li dan it-tnaqqis kien ogħla mit-tnaqqis tal-produzzjoni, il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, imkejla bħala output (tunnellati) għal kull persuna impjegata, għal kull sena, żdiedet bi 7 % bejn l-2010 u l-PIR.

5.4.4. Id-daqs tal-marġini ta' dumping u l-irkupru minn dumping preċedenti

- (128) Kif imsemmi fil-premessa 52, il-Kummissjoni ma stabbilixxiet id-daqs tal-marġnijiet tad-dumping attwali peress li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Russi kienu bbażati fuq l-impenji fuq il-prezz minimi u għalhekk mhux affidabbli biex titwettaq valutazzjoni xierqa ta' jekk id-dumping ikunx probabbli li jkompli jew jerġax iseħħ jekk il-miżuri antidumping jitħallew jiskadu.
- (129) Kif juru l-marginjiet attwali tal-profitt (tabella 10 hawn taħt) u s-sehem kbir tas-suq (tabella 5) l-industrija tal-Unjoni rkuprat minn prassi preċedenti ta' dumping.

5.4.5. Prezzijiet tal-bejgħ u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet domestiċi

- (130) Il-prezzijiet medji peżati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|--|------|------|------|-----|
| Prezz medju tal-bejgħ ta' unità mill-fabbrika fl-Unjoni (EUR/tunnellata) | 204 | 291 | 305 | 303 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 143 | 149 | 149 |

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|--|-------------|------|------|-----|
| Spiża għal kull unità tal-produzzjoni (EUR/tunnellati) | 180-195 (*) | 200 | 216 | 225 |
| <i>Indiċi</i> | | 100 | 108 | 113 |

Sors: Deġta verifikata tal-kumpaniji fil-kampjun

(*) Il-kost tal-produzzjoni għall-2010 mogħtija fi klassifika peress li ma jkoprix il-kampjun sħiħ

- (131) Il-medja tal-bejgħ nett tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, żdied b'mod sostanzjali bejn l-2010 u l-2012, iżda naqas ftit matul il-PIR.
- (132) Il-medja tal-kostijiet tal-produzzjoni żdiedet ukoll, prinċipalment minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tal-gass li huwa l-input ewlieni.

5.4.6. Il-kostijiet lavorattivi

- (133) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|-------------------------------------|--------|--------|--------|--------|
| Paga medja għal kull impjegat (EUR) | 31 909 | 37 764 | 40 938 | 41 736 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 118 | 128 | 131 |

Sors: Deġta verifikata tal-kumpaniji fil-kampjun

- (134) L-ispejjeż lavorattivi medji għal kull impjegat kienet xejra li qed tiżdied matul il-perjodu kkunsidrat. L-iktar żieda sinifikanti seħħet bejn l-2010 u l-2011, filwaqt li bejn l-2012 u l-PIR kienet tikkonsisti fi 3 punti perċentwali.

5.4.7. Inventarji

- (135) Livelli tal-istokk tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Inventarji

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|---|---------|---------|---------|--------|
| Ħażna tal-istokkijiet (ftunnellati) | 108 300 | 151 562 | 195 351 | 97 092 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 140 | 180 | 90 |
| L-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni | 1,56 % | 2,20 % | 2,73 % | 1,40 % |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 142 | 176 | 90 |

Sors: Deġta verifikata tal-kumpaniji fil-kampjun

- (136) L-istokk tal-għeluq għall-ewwel żdied b'mod sinifikanti fl-2011 u l-2012 meta mqabbel mal-2010 u mbagħad naqas b'10 % matul il-PIR meta mqabbel mal-2010. Meta mqabbel mal-livell tal-produzzjoni, l-istokk tal-għeluq segwa l-istess xejriet mill-2010 tal-PIR.

5.4.8. Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-abbiltà li jżied il-kapital.

- (137) Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

| | 2010 | 2011 | 2012 | PIR |
|--|------------|-------------|-------------|-------------|
| Profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tad-dħul tal-bejgħ) | 11,7 % | 20,8 % | 17,6 % | 14,4 % |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 178 | 150 | 123 |
| Il-fluss tal-flus (EUR) | 95 605 038 | 196 626 207 | 182 421 560 | 173 543 772 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 195 | 191 | 182 |
| Investimenti (EUR) | 35 761 804 | 31 532 218 | 28 032 159 | 34 502 327 |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 88 | 78 | 96 |
| Redditu fuq l-investimenti | 28,1 % | 61 % | 53,3 % | 44,7 % |
| <i>Indiċi</i> | 100 | 217 | 190 | 159 |

Sors: Dejta verifikata tal-kumpaniji fil-kampjun

- (138) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi l-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.
- (139) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppata minn 11,7 % fl-2010 għal 14,4 % fil-PIR. F'dan ir-rigward, l-applikant afferma li l-profitt fil-mira għall-analiżi għandu jkollu il-ħtieġa għal din l-industrija ta' kapital intensiv ħafna biex jinkiseb ritorn sodisfaċenti fuq il-kapital użat (ROCE) kif mistenni mill-investituri. Din l-affermazzjoni ma setgħetx tiġi aċċettata għaliex il-profitt fil-mira għall-analiżi għandu jkun limitat għall-profitt li l-industrija tal-Unjoni tista' tistenna li tikseb f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping.
- (140) Il-likwidità netta hija l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom huma stess. Il-likwidità żdiedet bi 82 % bejn l-2010 u l-PIR, għalkemm matul il-PIR kien ftit inqas milli fl-2011 u l-2012 (13 u 5 punti perċentwali inqas rispettivament).
- (141) L-investimenti segwew tendenza ta' tnaqqis. It-tnaqqis kien iktar sinifikanti fl-2011 u l-2012, iżda kien jammonta biss għal 4 % fin-negattiv matul il-PIR meta mqabbel mal-2010. L-investimenti kienu prinċipalment marbuta biex jiżguraw konformità ma' aktar u aktar rekwiżiti ambjentali stretti.
- (142) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt fil-perċentwal tal-valur nett skont il-kotba tal-investimenti. Dan segwa ġeneralment ix-xejra ta' profittabilità matul il-perjodu kollu meqjus.
- (143) L-investigazzjoni ma wrietx diffikultajiet li ltaqgħu magħhom il-produtturi tal-Unjoni meħuda bħala kampjun biex jiksbu l-kapital.

5.5. Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (144) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 661/2008 ikkonkluda li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet ta' ħsara u li l-eżistenza ta' miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-Russja kienet ir-raġuni prinċipali għal tali sitwazzjoni pozzittiva.

- (145) Is-sejbiet ta' dan ir-rieżami tal-iskadenza jikkonferma l-konklużjonijiet li ntlaħqu fl-investigazzjoni preċedenti. Bejn l-2010 u l-PIR, l-indikaturi ekonomiċi kienu ugwalment pożittivi. Il-konsum tal-Unjoni naqas u l-importazzjonijiet mir-Russja żdiedu, iżda l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżomm sehem sinifikanti tas-suq u biex tkompli żżid il-profitabbiltà tagħha għalkemm il-profitti fl-2012 u l-PIR kienu inqas milli fl-2011, hekk li jindika xejra ta' tnaqqis. L-ispejjeż tal-produzzjoni żdiedu, prinċipalment minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-gass (il-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat), imma l-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu wkoll u ppermettew lill-industrija tal-Unjoni li tikseb livell ta' kundizzjoni tajba ta' profitabbiltà.
- (146) Kif spjegat fil-premessi 119 u s-segwenti, id-dejta dwar l-użu tal-kapaċitajiet ma jistgħux jiġu invokati biex isiru konklużjonijiet deċiżivi dwar l-istat tal-industrija tal-Unjoni, u kolloxx ma' kolloxx, wieħed jista' jikkonkludi li b'mod ġenerali l-industrija tal-Unjoni qiegħda fi stat tajjeb, mhix qed tbat minn ħsara minħabba l-esportazzjonijiet Russi tal-AN minħabba l-eżistenza tal-miżuri antidumping.
- (147) Wara d-divulgazzjoni, l-RFPA, u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet Russi, argumentaw li l-istat pożittiv tal-industrija tal-Unjoni, inklużi l-esportazzjonijiet tagħha lejn pajjiżi terzi, isostni l-konklużjoni li mhemm l-ebda rikorrenza tal-ħsara materjali. Il-Kummissjoni tqis madankollu li s-sitwazzjoni ekonomika pożittiva attwali tal-industrija tal-Unjoni, inkluż il-volum ta' bejgħ bl-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, ma tipprekludix awtomatikament li s-sitwazzjoni tista' tinbidel fil-futur jekk il-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu.

6. IL-PROBABBLITÀ TA' RIKORRENZA TAL-ĦSARA

- (148) Għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara jekk il-miżuri li huma fis-seħħ bħalissa jitħallew jiskadu, l-impatt potenzjali tal-esportazzjonijiet mir-Russja lejn is-suq tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni kien analizzat skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku.
- (149) L-analiżi ffokat fuq ix-xejriet tal-konsum tas-suq tal-Unjoni, il-kapaċità żejda, il-flussi tal-kummerċ u l-ġibda tas-suq tal-Unjoni, u l-imġiba tal-prezzijiet tal-produtturi Russi.

6.1. Il-konsum fl-Unjoni

- (150) Il-konsum tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni naqas bi 11 % fil-PIR meta mqabbel mas-snin ta' qabel. Dan it-tnaqqis fil-konsum tal-prodott ikkonċernat huwa xprunat mill-użu ta' fertilizzanti oħrajn, użu aktar effiċjenti tal-AN mill-bdiewa u t-tħassib dwar is-sigurtà u s-sikurezza. L-industrija tal-Unjoni għalhekk tikkompeti ma' prodotti Russi f'suq li qiegħed jiċkien. Min-naħa l-oħra, huwa probabbli li din teżerċita pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet.
- (151) Wara d-divulgazzjoni, u kif imsemmi fil-premessa 109, l-RFPA ma qablitx mal-konklużjoni li l-konsum tal-prodott ikkonċernat fl-UE se jonqos fil-ġejjieni. Madankollu, ir-rapport li rreferiet għalih l-RFPA isemmi rkupru marġinali fid-domanda għall-fertilizzanti tan-nitroġenu, u mhux neċessarjament żieda tal-konsum tal-prodott ikkonċernat. Ir-rekwiżiti ambjentali u ta' sikurezza dejjem aktar stretti li japplikaw għall-ħażna u għall-użu ta' Nitrat tal-Ammonju, flimkien mal-livell ta' maturità li ntlaħaq minn ċerti swieq u tekniki ta' tferrix aktar u aktar effettivi jindikaw li, anki f'każ ta' żieda fil-konsum tal-fertilizzanti, u b'mod partikolari fil-konsum ta' fertilizzanti tan-nitroġenu, il-konsum tal-prodott ikkonċernat mhux se jiżdied fil-futur prevedibbli. Għalhekk, l-affermazzjoni hija rrifjutata.

6.2. Kapaċità żejda, il-flussi tal-kummerċ, l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni, u l-imġiba tal-ipprezzar

- (152) Il-Kummissjoni stabbilixxiet matul il-PIR, il-kapaċità żejda Russa li tammonta għal aktar minn 16,9 % tal-konsum totali tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat (ara l-premessi minn 73 sa 74). Dik il-kapaċità żdiedet aktar wara l-PIR u issa hija stmata għal madwar 24,3 % tal-konsum tal-Unjoni.
- (153) Din il-kapaċità żejda, fin-nuqqas tal-miżuri, fil-probabbiltà kollha tkun uttilizzata biex jiġu prodotti kwantitajiet sostanzjali addizzjonali ta' AN għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Il-produtturi Russi diġà jespportaw nofs il-produzzjoni tagħhom lejn pajjiżi terzi. Il-konsum domestiku fir-Russja huwa mistenni li jiżdied fil-ġejjieni bi 3 % fuq bażi annwali. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni Russi lejn swieq ta' pajjiżi terzi huma sostanzjalment aktar baxxi mill-prezzijiet attwali tal-Unjoni. Jekk il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni kellhom jibqgħu flivell sostanzjalment ogħla mill-prezzijiet f'dawk is-swieq tal-pajjiżi terzi ladarba l-miżuri jiskadu, il-produtturi Russi se jkollhom iċentiv qawwi mhux biss biex jużaw il-kapaċità żejda tagħhom għas-suq tal-Unjoni, iżda wkoll biex jidderieġu mill-ġdid uħud mill-esportazzjonijiet attwali tagħhom lejn pajjiżi terzi lejn is-suq tal-Unjoni.

- (154) Barra minn hekk, hemm limiti addizzjonali ta' esportazzjonijiet Russi lejn pajjiżi terzi. Xi wħud mill-akbar swieq potenzjali tal-esportazzjoni tal-AN (iċ-Ċina, l-Istati Uniti u l-Awstralja) huma inaċċessibbli għal esportazzjonijiet Russi (ara l-premessa 85). L-iffissar possibbli ta' dazji żero għal żewġ produttori Russi fl-Istati Uniti għal sena (ara l-premessa 86) huwa improbabbli li jwassal għal bidla sinifikanti ta' esportazzjonijiet Russi lejn l-Istati Uniti, peress li l-prezzijiet domestiċi tal-gass fl-Istati Uniti naqsu u huma mistennija li jibqgħu f'livell baxx minħabba ż-żieda tal-esplorazzjoni tal-gass tax-shale u r-restrizzjonijiet eżistenti għall-esportazzjoni tiegħu li jżommu l-prezz domestiku tal-gass fl-Istati Uniti baxx (ara wkoll premessa 86). Is-suq taċ-Ċina għadu magħluq għall-importazzjoni tal-AN. Il-konsum tal-AN fis-swieq kurrenti tal-esportazzjoni mir-Russja (l-aktar l-Amerika Latina partikolarment il-Brażil) mistenni jikber imma l-kapaċità żejda Russa hija aktar mid-doppju taż-żieda prevista fil-konsum f'dawk is-swieq, u mhux probabbli li dan il-konsum żejjed mistennili jittieħed (kompletament) mill-produtturi Russi. Għadd ta' swieq tal-esportazzjoni Russi tradizzjonali, bħalma huma l-Eġittu, it-Turkija, il-Perù u l-Brażil, wkoll qed jibnu l-kapaċità tagħhom għall-produzzjoni tal-AN jew ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu oħra (ara l-premessa 87).
- (155) Fi kwalunkwe każ, is-suq tal-Unjoni huwa aktar attraenti mill-Amerika Latina minħabba l-prossimità ġeografika u l-eżistenza ta' kanali ta' distribuzzjoni stabbiliti sew. Fil-fatt, il-kostijiet sostanzjalment orħos għat-trasport jipprovdu lill-esportaturi Russi bi profitt ogħla li, minħabba l-għażla, se jippreferu jbigħu fl-Unjoni, sakemm il-livelli tal-prezzijiet fl-Unjoni jibqgħu ogħla minn dawk f'pajjiżi terzi.
- (156) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-prezz mhux ta' ħsara matul il-PIR għall-industrija tal-Unjoni billi żiedet il-kost tal-produzzjoni (stabbilit abbażi tad-dejta vverifikata tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun stabbiliti fit-Tabella 7), flimkien ma' SG&A u l-profitt fil-mira.
- (157) Abbażi tad-dejta vverifikata mill-erba' produttori tal-Unjoni fil-kampjun, SG & A huwa bejn 5 u 8 % tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-profitt fil-mira għal din l-industrija huwa ta' 8 % kif stabbilit f'investigazzjoni preċedenti. ⁽¹⁾
- (158) Fuq il-bażi ta' dawk iċ-ċifri, matul il-PIR il-prezz mhux ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni jvarja bejn EUR 257/tunnellata u EUR 264/tunnellata.
- (159) Il-Kummissjoni tinnotta li wieħed miż-żewġ produttori esportaturi Russi suġġetti għall-garanzija fil-prezz matul il-PIR biegħu l-prodott konċernat bi prezz ogħla mill-prezz minimu tal-importazzjoni taħt l-impenn. Min-naħa l-oħra, it-tieni produttur esportatur — li kien soġġett għall-impenn għal perjodu ta' żmien limitat biss matul il-PIR — biegħ taħt il-prezz minimu tal-importazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, mhuwiex ċar kif huma se jiffissaw il-prezzijiet tagħhom jekk l-impenni jiskadu flimkien mad-dazji tal-antidumping. Huwa nnotat ukoll li l-kwantitajiet involuti għal dawn iż-żewġ produttori esportaturi ma kinux sinifikanti fil-PIR. Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li produttori Russi oħrajn x'aktarx li jerġgħu jidħlu fis-suq tal-UE fin-nuqqas ta' miżuri, li se jżid pressjoni fuq il-prezz kompetittiv tas-suq, inkluż fuq żewġ produttori li jesportaw, li għalihom kienu fis-seħħ impeni matul il-PIR.
- (160) Wieħed mill-elementi deċiżivi għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara hu b'liema prezzijiet x'aktarx ikunu dawk l-esportazzjonijiet addizzjonali minn kumpaniji li mhumiex soġġetti għal impenn ta' prezz. Matul il-PIR, il-prezzijiet tal-esportazzjoni Russi lejn pajjiżi terzi kienu fil-medja ta' EUR 201/tonnellata jew 34 % aktar 'l isfel mill-medja attwali tal-prezz li bih il-produtturi tal-Unjoni jbigħu fl-Unjoni. Dawk il-prezzijiet tal-esportazzjoni Russi huma, kif affermat fil-premessa 58, fuq livell sostenibbli. Huwa probabbli li l-esportazzjonijiet Russi minn kumpaniji li mhumiex soġġetti għal impenn ta' prezz, fin-nuqqas ta' miżuri antidumping, jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezz medju aktar baxx minn dak tal-prezzijiet tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi kif ukoll taħt dak ta' importazzjonijiet mir-Russja taħt l-impenn, li huma fl-ogħla livell ta' prezz mhux ta' ħsara tal-industrija tal-Unjoni. Inkella, dawn ma jkunux jistgħu jiksbu sehem tas-suq addizzjonali. Peress li l-livell tal-prezzijiet attwali tal-importazzjonijiet Russi attwalment taħt l-impenn fuq il-prezz għal wieħed mill-produtturi esportaturi jikkorrispondi għall-parti ta' fuq tal-livell tal-prezzijiet mingħajr ħsara, il-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha bħalissa, tqis li huwa probabbli li dawk l-importazzjonijiet addizzjonali se jseħħu f'livell li jagħmel ħsara. Minkejja l-livell attwali tal-profitt tal-industrija tal-Unjoni, prezzijiet probabbli bħal dawn se jpoġġu friskju l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tikseb il-profitt normali li tista' tistenna li tikseb fl-assenza ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 658/2002, premissi 97-98 (ĠUL 102, p. 1, 18.4.2002, p. 1).

- (161) Wara d-divulgazzjoni, l-RPFA sostniet li t-tqabbil bejn il-prezzijiet Russi tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-prezzijiet tal-Unjoni huwa bla sens, peress li għandu jsir paragun bejn bejgħ lill-istess swieq u b'aġġustamenti xierqa għal dazji, livell ta' kummerċ, eċċ.
- (162) Din l-affermazzjoni ma tistax tiġi aċċettata. Il-Kummissjoni mhix tasserixxi li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, l-esportazzjonijiet Russi se waqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'34 %. Il-Kummissjoni tqis li huwa probabbli li l-livelli tal-prezzijiet illi bihom l-esportazzjonijiet Russi se jidħlu fl-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri se jkunu taħt il-livell tal-kost tal-manifattura tal-Unjoni flimkien ma' marġni ta' profitt raġonevoli u għalhekk ikunu ta' ħsara. Dawk il-livelli tal-prezzijiet xorta jkunu aktar attraenti għall-esportaturi Russi mil-livell attwali ta' prezzijiet tal-bejgħ għal swieq terzi. Għalhekk, l-iżvijar ta' flussi kummerċjali attwali huwa probabbli li jseħħ.
- (163) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-kost attwali tal-produzzjoni, u għalhekk il-prezz attwali mingħajr ħsara huwa improbabli li jonqos fi żmien qasir, minħabba t-tendenza ta' żieda fl-ispiża tal-produzzjoni matul il-perjodu kkunsidrat (ara t-Tabella 7). Tabilħaqq, l-investigazzjoni ma kixfix indikazzjonijiet li din it-tendenza aktarx tbidel.
- (164) Wara d-divulgazzjoni, l-RPFA enfasizzat li jum qabel id-divulgazzjoni huma kienu pprovdew informazzjoni dwar il-kostijiet dejjem jonqsu tal-gass fl-Unjoni. L-RPFA semmiet b'mod partikolari d-dejta pprovduta minn pubblikazzjoni ewlenija tas-suq ta' fertilizzant li rrapportat: il-prezzijiet taċ-ċentri ta' distribuzzjoni tal-UE bil-prezzijiet tas-suq tal-gass Olandiż "Title Transfer Facility" (TTF) minflok il-prezzijiet mhux rappreżentattivi Waidhaus. L-RPFA ikkwotat ukoll il-prezzijiet Amerikani tal-gass u r-rapport Yara International fl-ewwel kwart tal-2014 lill-investituri tagħha, fejn hu msemmi li l-kumpanija qed tesperjenza kostijiet tal-gass orħos b'mod sinifikanti.
- (165) Il-Kummissjoni tinnotta li fl-istudju ekonomiku ppreżentat minn xi assoċjazzjonijiet tal-bdiewa (ara taqsim 7 hawn taħt dwar l-interessi tal-Unjoni) hemm affermat dan li ġej: "il-prezzijiet tal-gass (n)aturali fl-Unjoni huma ogħla mill-maġġoranza f'reġjuni oħra, u mistennija jogħlew fil-futur prevedibbli". Fir-rigward tat-tnaqqis tal-kostijiet tal-gass imħabbra minn Yara International, dan huwa każ apparti għaliex il-Yara Group huwa grupp multinazzjonali b'aċċess għal diversi sorsi ta' gass irħas barra l-Unjoni. Produtturi oħra tal-prodott ikkonċernat, u b'mod partikolari dawk li jinsabu fir-reġjuni tal-Lvant tal-Unjoni, jiddependu fuq gass Russu. Għalhekk, il-Kummissjoni għadha tqis li m'hemm l-ebda evidenza konvinċenti li l-prezzijiet tal-gass għall-produtturi tal-Unjoni għandhom jonqsu b'mod sinifikanti fil-futur qrib.

6.3. L-impatt tal-volum proġettat tal-importazzjonijiet u l-effetti fuq il-prezzijiet f'każ ta' tneħħija tal-miżuri

- (166) Peress li l-AN Russu se jkun esportat lejn is-suq tal-Unjoni f'volumi sinifikanti u b'livell ta' prezzijiet ta' ħsara, il-produtturi tal-Unjoni jkunu sfurzati li jnaqqsu l-prezzijiet tagħhom sabiex iżommu l-volumi ta' bejgħ u l-ishma mis-suq. Fil-fatt, l-AN huwa tip ta' prodott bażiku meta l-kompetizzjoni fost bosta produtturi hija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq il-prezz.
- (167) Wara d-divulgazzjoni, l-RPFA sostniet li l-allegati ostakoli tekniċi għall-kummerċ għal dħul tal-AN Russu fl-Unjoni għandhom jiġu kkunsidrati, jiġifieri l-projbizzjoni tal-bejgħ (fil-Ġermanja) jew ir-regolamentazzjoni stretta dwar il-ħażna f'ċerti Stati Membri oħra. Sakemm dawk il-limitazzjonijiet japplikaw kemm għall-esportaturi minn pajjiżi terzi u kemm għall-produtturi tal-Unjoni b'mod mhux diskriminatorju, il-Kummissjoni tqis li din l-affermazzjoni għandha tiġi miċħuda.

6.4. Konklużjonijiet

- (168) Fid-dawl tas-sejbiet tal-investigazzjonijiet, il-kapaċità żejda assoċjata mal-konsum modest fir-Russja, il-kapaċità limitata biex jiżiedu l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi u l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni, huwa kkunsidrat li r-revoka tal-miżuri x'aktarx li tirriżulta f'rikorrenza ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Russja.
- (169) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-industrija tal-Unjoni bħalissa tinsab f'sitwazzjoni li ma tkunx ta' ħsara. Madankollu, ma hemm l-ebda indikazzjoni li din is-sitwazzjoni pożittiva se tkun sostenibbli jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Għall-kuntrarju, skont l-analiżi tas-suq ipprovduta mill-applikant il-prezzijiet tas-suq tal-AN issa laħqu l-quċċata tagħhom u jinsabu fin-naħa ta' fuq nett taċ-ċiklu tan-negozju. Iċ-ċiklu tan-negozju, kif ukoll il-prezzijiet, issa huma mbassra li jonqsu. Aktar speċifikament, wara li żdiedu b'mod sinifikanti kull sena mill-2009 'l hawn, il-prezzijiet jidhru issa li se jonqsu. Għaldaqstant il-livell tal-prezz u tal-profitt miksub mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat mhuwiex se jinkiseb fil-futur prevedibbli. Fl-istess ħin, l-ispejjeż tal-produzzjoni se jibqgħu stabbli jew ikomplu jiżiedu u b'hekk jingħasar il-marġni tal-profitt tal-industrija tal-Unjoni. F'dan ix-xenarju, u minħabba t-tnaqqis fil-konsum fl-Unjoni, żieda qawwija ta' importazzjonijiet fi kwantitajiet sinifikanti bi prezzijiet ta' twaqqigħ se jagħmlu pressjoni qawwija fuq il-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija u jikkawżawha telf sinifikanti ta' sehem mis-suq. Dan wisq probabbli inevitabbilment jikkawża li terġa' sseħħ ħsara materjali.

- (170) Wara d-divulgazzjoni, l-RFPA ikkritikat lill-Kummissjoni talli bbażat ruħha fuq l-analiżi tas-suq ipprovduta mill-applikant u nnotat li l-livelli tal-prezzijiet antiċipati fl-2017-2018 se jkunu simili għall-prezzijiet fl-2010 u ogħla mill-prezzijiet fis-snin ta' qabel. L-RFPA innotat ukoll li fl-2010 il-profittabbiltà medja tal-industrija tal-Unjoni kienet ogħla mill-profitt fil-mira (bi 12,8 %) u li r-rapport trimestrali ta' Yara International għall-2014 juri prospettivi promettenti.
- (171) In-natura prospettiva ta' rieżami tal-iskadenza tagħmilha diffiċli li jinsiltu konklużjonijiet eżatti dwar il-projezzjonijiet dwar il-livelli tal-prezzijiet fl-2017 u lil hinn. Analiżi indipendenti tas-suq tindika madankollu li l-livelli tal-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat huma mistennija li jonqsu fis-sentejn li ġejjin. Dan, flimkien maż-żieda mistennija fl-ispejjeż tal-produzzjoni, probabbilment inaqqsu l-profitt attwalment miksub mill-industrija tal-Unjoni. Din il-konklużjoni prospettiva tibqa' valida minkejja l-fatt li matul il-PIR u l-perjodu kkunsidrat il-livell ta' profitti miksuba mill-industrija tal-Unjoni kien ogħla mill-profitt immirat ta' 8 % kif stabbilit fl-investigazzjoni preċedenti. F'dan ir-rigward, il-fatt li r-iezami ta' skadenza li jitermina l-miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' Urea mir-Russja ma sab l-ebda probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara ma huwiex rilevanti, peress li kull każ għandu jiġi vvalutat fuq il-merti u l-ispeċifitajiet tiegħu stess. Barra minn hekk, il-preżentazzjoni tal-ewwel trimestru tal-2014 ta' Yara International lill-investituri tagħha ma tikkonċernax b'mod preċiż il-prodott ikkonċernat u ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala sostitut għall-aspettattivi tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, l-affermazzjoni hija rrifjutata.
- (172) Rappreżentanti tal-awtoritajiet Russi u l-RFPA sostnew li l-Kummissjoni naqset milli tipprovi evidenza pożittiva li tappoġġja l-konklużjoni li jekk il-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu, se jkun hemm rikorrenza ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat, li se twassal għal rikorrenza ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni.
- (173) L-RFPA affermat ukoll li l-Kummissjoni ma stabbilixxiet rabta kawżali bejn it-tmiem tal-miżuri u l-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara. Għall-kuntrarju, l-elementi esterni msemmija fid-dokument ta' żvelar (tnaqqis fil-konsum, tnaqqis tal-prezzijiet, iż-żieda fl-ispejjeż ta' produzzjoni, ir-rata baxxa tal-użu tal-kapaċità) jidhru li huma l-kawża ta' rikorrenza probabbli ta' ħsara.
- (174) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-valutazzjoni. Il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu hija ġġustifikata prinċipalment mir-rikorrenza probabbli ta' esportazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Russja f'volumi sinifikanti u bi prezzijiet flivell li, filwaqt li jibqa' profittabbli għall-esportaturi Russi, se jkun aktar baxx mill-prezzijiet tal-Unjoni. Billi ssemmi xi fatturi esterni fil-valutazzjoni ġenerali tagħha, il-Kummissjoni sempliċiment identifikat fatturi oħrajn li jista' jkollhom impatt fuq is-suq tal-Unjoni fis-snin li ġejjin u għalhekk fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, iżda dan ma jirrendix invalidi l-konklużjoni li d-dumping ta' ħsara probabbilment jirrikorri jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

7. L-INTERESS TAL-UNJONI

- (175) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri eżistenti antidumping kontra r-Russja tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq l-apprezzament tal-bosta interessi involuti, jiġifieri dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.
- (176) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-veduti tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.
- (177) Fl-investigazzjonijiet oriġinali, l-adozzjoni tal-miżuri ma kinitx meqjusa bħala kontra l-interess tal-Unjoni. Minħabba li din l-investigazzjoni hija rieżami u l-miżuri ilhom fis-seħħ mill-1995, l-analiżi b'dan tippermetti l-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux dovut fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri antidumping fis-seħħ.
- (178) Fuq din il-bażi ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping u l-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara, eżistewx raġunijiet kostrinġenti li wasslu għall-konklużjoni, li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti.

7.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (179) Il-miżuri eżistenti kkontribwew għal tnaqqis kbir f'importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mir-Russja u offrew solliev lill-industrija tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni nstab li kienet f'sitwazzjoni ekonomika b'saħħitha prinċipalment kif urew profitti kontinwi. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li xi produttori tal-Unjoni diġà juru profitti ferm inqas mill-profitt medju miksub mill-industrija tal-Unjoni, u saħansitra inqas mill-profitt immirat ta' 8 %.

(180) Jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, l-industrija tal-Unjoni x'aktarx ser tkun iffaċċjata b'iżjed kompetizzjoni inġusta minn produttori Russi. It-terminazzjoni ta' miżuri mingħajr dubju twassal għal deterjorament rapidu tas-sitwazzjoni ekonomika tagħhom. It-terminazzjoni tal-miżuri għalhekk mhijiex fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. L-interess tal-importaturi

(181) Fl-investigazzjoni preċedenti nstab li l-impatt tal-impożizzjoni tal-miżuri x'aktarx ma kien ikollha l-ebda effett negattiv serju fuq is-sitwazzjoni tal-importaturi u l-utenti fl-Unjoni. E.F.I.A. resqet 'il quddiem bħala parti interessata u talbet li l-miżuri jitħallew jiskadu għal għadd ta' raġunijiet, kif ġej:

— il-miżuri ilhom fis-seħħ għal kważi 20 sena u kisbu l-effett mixtieq ta' protezzjoni tal-produttori tal-Unjoni,

— minħabba ż-żieda fil-konsum domestiku fir-Russja, ma hemm l-ebda riskju li l-prodotti Russi se jiġu diretti mill-ġdid lejn l-Unjoni,

— huwa fl-interess tal-utenti li jkollhom aċċess għal sorsi ta' provvista differenti sabiex titkabbar l-għażla.

(182) Dawn l-affermazzjonijiet għandhom jiġu miċħuda. Huwa minnu li l-industrija tal-Unjoni mhiex qiegħda bħalissa ġġarrab ebda ħsara materjali. Madankollu, frieżami ta' skadenza l-mistoqsija li trid titwieġeb hija x'jista' jiġri fil-futur, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. F'dan ir-rigward, il-prestazzjoni attwali tal-industrija tal-Unjoni tista' tintuża biss bħala indikazzjoni konklużiva ta' x'jista' jiġri fil-futur sal-punt li tippermetti valutazzjoni tal-livell tal-prezz mhux ta' ħsara.

(183) Importaturi u kummerċjanti tal-Unjoni jkollhom aċċess għal numru ta' sorsi ġewwa u barra l-Unjoni, inkluża r-Russja. Ir-Russja hi l-uniku pajjiż li kontra tiegħu hemm miżuri fis-seħħ.

7.3. Interess tal-utenti

(184) Diversi assoċjazzjonijiet ta' utenti għamli lilhom infushom magħrufa. Xi wħud minn dawn madankollu jintalbu sempliċement li jiġu rikonnoxuti bħala partijiet interessati u ma ħadux pożizzjoni speċifika dwar l-interess tal-Unjoni. Żewġ assoċjazzjonijiet nazzjonali esprimew l-opinjoni ta' li wara li kienu ilhom fis-seħħ għal ħafna snin, ma kienx għadu fl-interess tagħhom li jżommu l-miżuri eżistenti.

(185) Ir-raġunijiet li ssemmev kienu:

— l-impatt kbir ta' fertilizzanti fuq il-kostijiet tal-produzzjoni tal-bdiewa (bejn 7 % u sa 42 % tal-ispejjeż varjabbli tagħhom, skont it-tip ta' uċuħ tar-raba'),

— il-possibbiltà li jixtru fertilizzanti bi prezz li huwa minn EUR 15 sa EUR 20 orħos mill-prezz mitlub mill-produttori tal-Unjoni,

— il-possibbiltà li jkollhom aċċess għal prodott kemxejn differenti (jingham li l-prills Russi huma kemxejn iżgħar mill-prills tal-Unjoni u b'hekk huma addattati għall-użu f'ċerti produzzjonijiet), u

— il-possibbiltà li jkollhom aċċess għal diversi fornituri, u b'hekk tiżdied il-kompetizzjoni u jiġu evitati pożizzjonijiet oligopolistiċi u ffixsar ta' prezzijiet.

(186) Dawn l-affermazzjonijiet ma jstgħux jiġu aċċettati għall-istess raġunijiet imsemmija fil-premessi 182 u 183. Il-Kummissjoni mhijiex konxja ta' kwalunkwe Prattika mhux kompetittiva fost il-produttori tal-Unjoni, li jikkompetu liberament fis-suq tal-Unjoni.

(187) L-ebda bidwi ma wieġeb il-kwestjonarju tal-utenti. Għalhekk, l-impatt eżatt ta' fertilizzanti b'mod ġenerali, u b'mod partikolari, fuq il-kostijiet tal-produzzjoni tal-bdiewa ma setgħetx tiġi vverifikata. Għalhekk, l-allegat impatt pożittiv kbir ta' prezzijiet tal-AN aktar baxxi ta' fuq il-kostijiet tal-produzzjoni tal-bdiewa ma setax jiġi kkonfermat. Madankollu, fuq il-bażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, l-AN jikkostitwixxi biss madwar 21 % tal-konsum totali tal-Unjoni ta' fertilizzanti kollha li fihom in-nitroġenu (nitrat tal-ammonju, nitrat tal-ammonju tal-kalċju, Urea, soluzzjoni tal-AN tal-Urea, NPK/NP/NK, eċċ.)⁽¹⁾. Peress li hemm ukoll fertilizzanti oħrajn (li fihom livelli aktar għolja ta' potassju u fosfat), is-sehem tal-AN fil-fertilizzanti kollha użati mill-bdiewa tal-Unjoni huwa stmat saħansitra li hu anqas minn 21 %. Konsegwentement, huwa raġonevoli li jiġi konkluż li l-impatt tal-miżuri attwali fis-seħħ fuq il-bdiewa tal-Unjoni bħala entità sħiħa mhuwiex sinifikanti.

(¹) Sors: http://www.fertilizerseurope.com/fileadmin/user_upload/publications/statistics_publications/Stat_website.pdf

- (188) Barra minn hekk, anki jekk fuq medda qasira ħafna ta' żmien l-aċċess għal fertilizzanti irħas jista' jidher li huwa fl-interess tal-bdiewa, fuq medda qasira/medja ta' żmien hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni b'riskju li xi produttori tal-Unjoni l-aktar vulnerabbli li jinsabu f'ċerti reġjuni fl-Unjoni jistgħu jfallu. Għalhekk, fil-futur se jkun hemm inqas għażla ta' fornituri għal utenti/bdiewa, li jistgħu jsiru dipendenti fuq l-esportazzjonijiet Russi, u f'xenarju bħal dan x'aktarx li jiżdiedu l-prezzijiet.
- (189) Assoċjazzjoni waħda tal-utenti ppreżentat studju li sar minn konsulent ekonomiku indipendenti li skontu t-termi-nazzjoni tal-miżuri fis-seħħ tirriżulta fi tnaqqis fil-prezz tal-fertilizzanti fl-Unjoni għall-benefiċċju tal-utenti, żieda limitata fil-volumi ta' importazzjoni, u impatt negattiv ċkejken għall-produtturi tal-Unjoni li madankollu jkun ikkumpensat b'marġnijiet solidi ta' profitt li qegħdin igawdu fil-preżent. Madankollu, għandu jiġi nnutat li xi wħud mis-suppożizzjonijiet li għalihom irreferiet il-valutazzjoni tal-istudju ekonomiku ma jikkorrispondux mas-sejbiet tal-investigazzjoni. L-investigazzjoni stabbilixxiet li l-prezz tal-esportazzjoni tal-AN mir-Russja lejn pajjiżi terzi huwa iktar baxx mill-prezz stmat f'dak l-istudju ekonomiku. Bl-istess mod, il-kapaċità stabbilita tar-Russja u l-valur tal-konsum potenzjali domestiku huma differenti minn dawk użati għas-simulazzjonijiet tal-impatt tat-tneħħija tal-miżuri. Għalhekk, l-evalwazzjoni magħmula fl-istudju mhijix affidabbli biżżejjed biex minnha wieħed jasal għal konklużjonijiet deċiżivi.
- (190) Wara d-divulgazzjoni, għadd ta' assoċjazzjonijiet ta' bdiewa talbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u sottomet-tew verżjoni kemxejn riveduta tal-istudju msemmi fil-premessa preċedenti, li tieħu inkonsiderazzjoni d-dejta pprovduta mill-Kummissjoni fid-dokument ta' divulgazzjoni.
- (191) L-istudju rivedut jidher li jikkonferma s-suppożizzjoni tal-Kummissjoni li l-prezz tal-esportazzjoni Russa jinżel għal-livell tar-reġjun tal-prezzijiet domestiċi Russi, li huwa ta' EUR 221 għal kull tunnellata. Dan se jġiegħel lill-produtturi tal-Unjoni biex inaqqsu l-prezzijiet tagħhom sabiex ma jitilfux l-ishma mis-suq.
- (192) Ir-rappreżentanti tal-bdiewa spjegaw is-sitwazzjoni diffiċli li huma qegħdin fiha, fejn huma jikkompetu mal-produtturi ta' prodotti agrikoli ta' pajjiżi terzi mingħajr ebda dazju antidumping li jiproteġihom, kuntrarjament għall-produtturi tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat. Huma jistennu li jekk il-miżuri jitħallew jiskadu l-prezz tal-prodott ikkonċernat jonqos u l-konsegwenzi negattivi għall-produtturi tal-Unjoni jistgħu jiġu bbilanċjati mill-benefiċċji għall-bdiewa, kategorija ta' utenti li timpjega miljuni ta' persuni fl-Unjoni. Ir-rappreżentanti tal-bdiewa semmew ukoll li jekk il-prezz tal-prodott ikkonċernat jonqos, huma jixtru l-prodott ikkonċernat minflok fertilizzanti oħra, anqas għoljin imma li jniġġsu aktar bħall-Urea jew soluzzjonijiet ta' Urea u Nitrat tal-Ammonju. Dan ikun ta' benefiċċju għall-ambjent. Huma ssuġġerew li jekk il-miżuri jinżammu, għandhom ikunu sospiżi (simili għal dak li ġara f'investigazzjoni differenti dwar l-importazzjonijiet ta' siliko-manganiż miċ-Ċina, il-Każakstan u l-Ukraina ⁽¹⁾).
- (193) Il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa l-argumenti mressqa mill-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa. Ma hemmx dubju li l-bdiewa tal-Unjoni għandhom aċċess għall-prodott ikkonċernat manifatturat mill-produtturi tal-Unjoni kif ukoll mill-produtturi tal-pajjiżi terzi barra mill-produtturi esportaturi Russi. Iżda fuq kollox, kif ġie kkonfermat matul is-seduta li saret fid-19 ta' Ġunju 2014, u b'kuntrast mas-suppożizzjoni li saret fl-istudju ekonomiku, m'hemm l-ebda garanzija li kull tnaqqis potenzjali fuq il-prezz inizjali tal-prodott ikkonċernat (jekk il-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu) tiġi mgħoddija għal fuq l-utenti finali. Ħafna drabi, meta l-bdiewa jixtru l-prodott ikkonċernat, jixtruh mid-distributuri u lanqas biss ikunu konxji tal-orijini tiegħu, sakemm ikun jissodisfa rekwiżit tagħhom (f'termini tad-daqs prilli jew granuli, eċċ.). Għalhekk, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, huwa probabbli ħafna li l-ħsara terġa' sseħħ għall-produtturi tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat, iżda m'hemm l-ebda garanzija li l-utenti jibbenefikaw f'xi ħaġa.
- (194) Miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu ilhom fis-seħħ għal ħafna snin mingħajr kostijiet sproporzjonati għal bdiewa li l-eżistenza tagħhom tista' tkun fil-periklu. Waqt l-analiżi tal-interess tal-Unjoni, tiġi vvalutata l-proporzjonalità taż-żamma tal-miżuri, filwaqt li jitqiesu l-interessi varji u xi kultant konfliġġenti. Iż-żamma tal-miżuri hija fl-interess tal-produtturi tal-Unjoni, għaliex jekk jinteħħew ħafna minnhom jispiċċaw min-negozju. Għalhekk, minn perspettiva ta' proporzjonalità, peress li l-Kummissjoni ma għandhiex evidenza li l-bdiewa jġarrbu kostijiet sproporzjonati bħala riżultat tal-miżuri, huwa fl-interess tal-Unjoni li żżomm il-miżuri. Fi kwalunkwe każ il-bdiewa rrikonoxxew li huma jippreferu li jkollhom sorsi multipli ta' provvista u li l-għajbien tal-industrija tal-Unjoni ma tkunx fl-interessi tagħhom.
- (195) Fl-aħħar nett, kif imsemmi fil-premessa 193, ma hemm l-ebda evidenza li t-tneħħija tal-miżuri ser twassal għal tnaqqis fil-prezz tal-AN li jiġi mgħoddi lil utenti li jwassal għal bidla għal AN minn fertilizzanti oħrajn li jniġġsu aktar. Għalhekk, l-allegat effett ambjentali pożittiv mhuwix issostanzjat. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe effett

(¹) ĠUL 317, 5.12.2007, p. 5.

ambjentali pożittiv possibbli ma jkunx ta' tali livell li jkun kontra l-interess ġenerali tal-Unjoni li żżomm il-miżuri. Fir-rigward tas-suġġeriment li l-miżuri jkunu sospiżi, dan mhux possibbli għaliex ir-reqwiziti legali stabbiliti fl-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku ma ġewx issodisfati f'dan il-każ

- (196) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-terminazzjoni tal-miżuri ma jkunx fl-interess tal-utenti, jew tal-anqas il-benefiċċji addizzjonali li jgawdu l-utenti ma jegħlbox il-kostijiet addizzjonali mqiegħda fuq l-industrija tal-Unjoni.

7.4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (197) Fid-dawl tal-premessi minn 179 sa 195, huwa konkluż li ma hemmx raġunijiet konvinċenti għall-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri antidumping attwali.

8. MIŻURI ANTIDUMPING DEFINITTIVI

- (198) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Ingħataw ukoll perġodu biex jissottomettu kummenti wara dik id-divulgazzjoni. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ngħataw il-kunsiderazzjoni dovuta fejn kien xieraq.
- (199) Wara d-divulgazzjoni, produttur Russu li ma ntgħażilx għat-teħid tal-kampjuni talab lill-Kummissjoni biex jidħol f'negozjati għal impenn u ssuġġerixxa prezz minimu u livell massimu kwantitattiv. Madankollu, ma hemm l-ebda bażi legali fir-Regolament bażiku għall-aċċettazzjoni ta' offerta ta' impenn fil-kuntest ta' rieżami ta' skadenza, peress li l-forma tal-miżuri ma tistax tinbidel. Il-produttur Russu inkwistjoni jista' japplika għal rieżami interim ibbażat fuq l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, jekk iqis li l-kundizzjonijiet għal rieżami bħal dan ikunu sso-disfati.
- (200) Wara d-divulgazzjoni, Acron Group talab lill-Kummissjoni biex ittemm il-proċeduri sa fejn huma kkonċernati billi Acron ikun f'sitwazzjoni differenti meta mqabbel ma' produtturi Russi oħrajn. Madankollu, ir-riżultati tar-rieżami huma li Acron jinsab fl-istess sitwazzjoni tal-produtturi Russi l-oħra. Barra minn hekk, l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku ma jagħtix bażi legali biex jiddifferenzja bejn id-diversi produtturi esportaturi.
- (201) Għaldaqstant, u fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara, isegwi li, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja, imposti mir-Regolament (KE) Nru 661/2008, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 989/2009, għandhom jinżammu għal perġodu addizzjonali ta' ħames snin,
- (202) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

(1) Dazju antidumping definittiv hawnhekk huwa impost fuq l-importazzjoni ta' fertilizzanti solidi b'kontenut tan-nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % fil-piż, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 30 90, 3102 40 90, ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 20, u li joriġinaw mir-Russja.

(2) Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv għandha tkun ta' ammont fiss kif speċifikat f'punti (a), (b) u (c):

(a) Għal oġġetti prodotti mill-Open Joint Stock Company (OJSC) "Azot", Novomoskovsk, ir-Russja, jew mill-Open Joint Stock Company (OJSC) "Nevinnomyssky Azot", Nevinnomyssk, ir-Russja, u jew mibjugħa direttament lill-ewwel klient indipendenti fl-UE jew mibjugħa minn Eurochem Trading GmbH, Zug, l-Isvizzera, jew permezz tal-Open Joint

Stock Company (OJSC) Mineral and Chemical Company "Eurochem", Moska, ir-Russja u EuroChem Trading GmbH, Zug, l-Iżvizzera lill-ewwel klijent indipendenti fl-UE (kodiċi addizzjonali TARIC A522):

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Kodiċi tan-NM | Kodiċi TARIC | Ammont fiss ta' dazju (EUR/tunnellata) |
|---|---------------|--------------|--|
| Nitrat tal-ammonju ħliet f'soluzzjonijiet tal-ilma | 3102 30 90 | — | 32,82 |
| Taħlitiet ta' nitrat tal-ammonju mal-karbonat tal-kalċju jew sustanzi oħra inorganiċi mhux fertilizzanti, b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-28 % bil-piż | 3102 40 90 | — | 32,82 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż | 3102 29 00 | 10 | 32,82 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż | 3102 60 00 | 10 | 32,82 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż | 3102 90 00 | 10 | 32,82 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, mingħajr kontenut ta' fosfru u ta' potassju | 3105 10 00 | 10 | 32,82 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' inqas minn 3 % bil-piż | 3105 10 00 | 20 | 31,84 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' 3 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 6 % bil-piż | 3105 10 00 | 30 | 30,85 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' 6 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 9 % bil-piż | 3105 10 00 | 40 | 29,87 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 9 % bil-piż jew iżjed iżda li ma jaqbiżx it-12 % bil-piż | 3105 10 00 | 50 | 28,88 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' inqas minn 3 % bil-piż | 3105 20 10 | 30 | 31,84 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' 3 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 6 % bil-piż | 3105 20 10 | 40 | 30,85 |

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Kodiċi tan-NM | Kodiċi TARIC | Ammont fiss ta' dazju (EUR/tunnellata) |
|--|---------------|--------------|--|
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P_2O_5 u kontenut ta' potassju vvalutat bħala K_2O ta' 6 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 9 % bil-piż | 3105 20 10 | 50 | 29,87 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P_2O_5 u kontenut ta' potassju evalwat bħala K_2O ta' 9 % bil-piż jew iżjed iżda li ma jaqbiżx it-12 % bil-piż | 3105 20 10 | 60 | 28,88 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P_2O_5 ta' inqas minn 3 % bil-piż | 3105 51 00 | 10 | 31,84 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P_2O_5 ta' 3 % jew aktar fil-piż jew aktar imma anqas minn 6 % ftermini ta' piż | 3105 51 00 | 20 | 30,85 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P_2O_5 ta' 6 % jew aktar fil-piż jew aktar imma anqas minn 9 % ftermini ta' piż | 3105 51 00 | 30 | 29,87 |
| Fertilizzanti solidi abbażi tan-nitrat tal-ammonju b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P_2O_5 ta' 9 % jew aktar fil-piż imma anqas minn 10,40 % | 3105 51 00 | 40 | 29,41 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P_2O_5 ta' inqas minn 3 % bil-piż | 3105 59 00 | 10 | 31,84 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P_2O_5 ta' 3 % jew aktar fil-piż jew aktar imma anqas minn 6 % ftermini ta' piż | 3105 59 00 | 20 | 30,85 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P_2O_5 ta' 6 % jew aktar fil-piż jew aktar imma anqas minn 9 % ftermini ta' piż | 3105 59 00 | 30 | 29,87 |
| Fertilizzanti solidi abbażi tan-nitrat tal-ammonju b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P_2O_5 ta' 9 % jew aktar fil-piż imma anqas minn 10,40 % | 3105 59 00 | 40 | 29,41 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K_2O ta' inqas minn 3 % bil-piż | 3105 90 20 | 30 | 31,84 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K_2O ta' 3 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 6 % bil-piż | 3105 90 20 | 40 | 30,85 |

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Kodiċi tan-NM | Kodiċi TARIC | Ammont fiss ta' dazju (EUR/tunnellata) |
|---|---------------|--------------|--|
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 6 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 9 % bil-piż | 3105 90 20 | 50 | 29,87 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 9 % bil-piż jew iżjed iżda li ma jaqbiżx it-12 % bil-piż | 3105 90 20 | 60 | 28,88 |

(b) Fil-każ ta' oġġetti prodotti minn JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat (kodiċi addizzjonali TARIC A959)

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Kodiċi tan-NM | Kodiċi TARIC | Ammont fiss ta' dazju (EUR/tunnellata) |
|--|---------------|--------------|--|
| Nitrat tal-ammonju ħlief f'soluzzjonijiet tal-ilma | 3102 30 90 | — | 47,07 |
| Taħlitiet ta' nitrat tal-ammonju mal-karbutat tal-kalċju jew sustanzi oħra inorganiċi mhux fertilizzanti, b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-28 % bil-piż | 3102 40 90 | — | 47,07 |

Għall-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 prodotti minn JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat u li mhumiex imsemmija fit-tabbella t'hawn fuq, m'għandu japplika l-ebda dazju antidumping.

(c) Għall-kumpaniji l-oħra kollha (kodiċi addizzjonali TARIC A999):

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Kodiċi tan-NM | Kodiċi TARIC | Ammont fiss ta' dazju (EUR/tunnellata) |
|--|---------------|--------------|--|
| Nitrat tal-ammonju ħlief f'soluzzjonijiet tal-ilma | 3102 30 90 | — | 47,07 |
| Taħlitiet ta' nitrat tal-ammonju mal-karbutat tal-kalċju jew sustanzi oħra inorganiċi mhux fertilizzanti, b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-28 % bil-piż | 3102 40 90 | — | 47,07 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż | 3102 29 00 | 10 | 47,07 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż | 3102 60 00 | 10 | 47,07 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż | 3102 90 00 | 10 | 47,07 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, mingħajr kontenut ta' fosfru u ta' potassju | 3105 10 00 | 10 | 47,07 |

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Kodiċi tan-NM | Kodiċi TARIC | Ammont fiss ta' dazju (EUR/tunnellata) |
|---|---------------|--------------|--|
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' inqas minn 3 % bil-piż | 3105 10 00 | 20 | 45,66 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' 3 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 6 % bil-piż | 3105 10 00 | 30 | 44,25 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' 6 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 9 % bil-piż | 3105 10 00 | 40 | 42,83 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ u/jew kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 9 % bil-piż jew iżjed iżda li ma jaqbiżx it-12 % bil-piż | 3105 10 00 | 50 | 41,42 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' inqas minn 3 % bil-piż | 3105 20 10 | 30 | 45,66 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' 3 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 6 % bil-piż | 3105 20 10 | 40 | 44,25 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru vvalutat bħala P ₂ O ₅ u kontenut ta' potassju vvalutat bħala K ₂ O ta' 6 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 9 % bil-piż | 3105 20 10 | 50 | 42,83 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 9 % bil-piż jew iżjed iżda li ma jaqbiżx it-12 % bil-piż | 3105 20 10 | 60 | 41,42 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosfru evalwat bħala P ₂ O ₅ ta' inqas minn 3 % bil-piż | 3105 51 00 | 10 | 45,66 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P ₂ O ₅ ta' 3 % jew aktar fil-piż jew aktar imma anqas minn 6 % ftermini ta' piż | 3105 51 00 | 20 | 44,25 |

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Kodiċi tan-NM | Kodiċi TARIC | Ammont fiss ta' dazju (EUR/tunnellata) |
|--|---------------|--------------|--|
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P ₂ O ₅ ta' 6 % jew aktar fil-piż jew aktar imma anqas minn 9 % f'termini ta' piż | 3105 51 00 | 30 | 42,83 |
| Fertilizzanti solidi abbażi tan-nitrat tal-ammonju b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P ₂ O ₅ ta' 9 % jew aktar fil-piż imma anqas minn 10,40 % | 3105 51 00 | 40 | 42,17 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' fosforu evalwat bħala P ₂ O ₅ ta' inqas minn 3 % bil-piż | 3105 59 00 | 10 | 45,66 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P ₂ O ₅ ta' 3 % jew aktar fil-piż jew aktar imma anqas minn 6 % f'termini ta' piż | 3105 59 00 | 20 | 44,25 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P ₂ O ₅ ta' 6 % jew aktar fil-piż jew aktar imma anqas minn 9 % f'termini ta' piż | 3105 59 00 | 30 | 42,83 |
| Fertilizzanti solidi abbażi tan-nitrat tal-ammonju b'kontenut ta' nitroġenu li jaqbeż it-80 % fil-piż, u kontenut ta' fosforu identifikat bħala P ₂ O ₅ ta' 9 % jew aktar fil-piż imma anqas minn 10,40 % | 3105 59 00 | 40 | 42,17 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' inqas minn 3 % bil-piż | 3105 90 20 | 30 | 45,66 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 3 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 6 % bil-piż | 3105 90 20 | 40 | 44,25 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 6 % bil-piż jew iżjed iżda inqas minn 9 % bil-piż | 3105 90 20 | 50 | 42,83 |
| Fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat tal-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż, u kontenut ta' potassju evalwat bħala K ₂ O ta' 9 % bil-piż jew iżjed iżda li ma jaqbiżx it-12 % bil-piż | 3105 90 20 | 60 | 41,42 |

(3) F'każi fejn il-prodotti saritillhom ħsara qabel id-dħul fil-moviment ħieles u, għalhekk, il-prezz fil-fatt imħallas jew li għandu jitħallas tqassam għad-determinazzjoni tal-valur tad-dwana skont l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ⁽¹⁾, l-ammont ta' dazju antidumping stabbilit fil-paragrafu 2 jitnaqqas b'perċentwal li jaqbel mat-tqasim tal-prezz fil-fatt imħallas jew li għandu jitħallas.

(4) Minkejja l-paragrafu 1, id-dazju antidumping definittiv ma japplikax f'każ ta' importazzjonijiet ta' prodotti rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa skont l-Artikolu 2.

(5) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazju doganali.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

Artikolu 2

(1) L-importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa li huma mogħnija b'fattura mill-kumpaniji li l-impenji tagħhom ġew aċċettati mill-Kummissjoni u li l-ismijiet tagħhom tniżżlu fid-Deċiżjoni 2008/577/KE, kif emendata, jiġu eżentati mid-dazju antidumping impost mill-Artikolu 1, bil-kundizzjoni li:

- ikunu manifatturati, mibgħuta u nħarġitilhom fattura direttament mill-kumpaniji msemmija lill-ewwel konsumatur indipendenti fl-Unjoni; u
- dawn l-importazzjonijiet ikunu akkumpanjati minn fattura tal-impenn li hija fattura kummerċjali li fiha tal-inqas l-elementi u d-dikjarazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament; u
- il-prodotti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jikkorrispondu bl-eżatt mad-deskrizzjoni fuq il-fattura tal-impenn.

(2) Dejn mad-dwana għandu jiġġarrab fil-mument ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera:

- kull meta jkun stabbilit, fir-rigward tal-importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, li waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet elenkati f'dak il-paragrafu mhumiex issodisfati; jew
- meta l-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tal-impenn tagħha skont l-Artikolu 8(9) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 f'Regolament jew Deċiżjoni li jirreferu għal tranżazzjonijiet partikulari u jiddikjaraw il-fatturi tal-impenn rilevanti bħala invalidi.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

L-elementi li ġejjin ikunu indikati fil-fattura kummerċjali msemmija fl-Artikolu 2(1) it-tieni inċiż li takkumpanja l-bejgħ tal-kumpanniji lill-Unjoni ta' merkanzija li hija soġġetta għall-impenn:

1. L-Intestatura "FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA L-MERKANZIJA SOĠĠETTI GĦAL IMPENN".
2. L-isem tal-kumpanija li qed toħroġ il-fattura kummerċjali.
3. In-numru tal-fattura kummerċjali.
4. Id-data tal-ħruġ tal-fattura kummerċjali.
5. Il-kodiċi addizzjonali TARIC li taħtha l-merkanzija fuq il-fattura għandha tiġi rilaxxata mid-dwana fil-fruntiera tal-Unjoni.
6. Id-deskrizzjoni preċiża tal-prodotti, fosthom:
 - in-numru tal-kodiċi tal-prodott (NKP) użat għall-għan tal-impenn,
 - deskrizzjoni b'lingwa sempliċi tal-prodotti li jikkorrispondu man-NKP ikkonċernat,
 - in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),
 - il-kodiċi TARIC,
 - kwantità (li trid tingħata f'tunnellati).
7. Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, fosthom:
 - prezz għal kull tunnellata,
 - it-termini tal-pagament applikabbli,
 - it-termini tal-konsenja applikabbli,
 - ir-roħs u l-iskonti totali.
8. L-isem tal-kumpanija li tagħmilha ta' importatur fl-Unjoni li lilha l-kumpanija toħroġ direttament il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-prodotti suġġetti għal impenn.
9. L-isem tal-uffiċjal tal-kumpanija li ħareġ il-fattura kummerċjali u d-dikjarazzjoni ffirmata li ġejja:

"Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn l-Unjoni Ewropea tal-prodotti koperti minn din il-fattura qed isir fl-ambitu u skont il-kundizzjonijiet tal-impenn offrut minn [KUMPANJA], u aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni 2008/577/KE. Jiena niddikjara li t-tagħrif provdut f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1000/2014**tat-23 ta' Settembru 2014****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jip-preskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠUL 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 KG)

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾ | Valur standard tal-importazzjoni |
|---------------|---------------------------------------|----------------------------------|
| 0702 00 00 | MK | 54,3 |
| | TR | 83,3 |
| | XS | 79,6 |
| | ZZ | 72,4 |
| 0707 00 05 | MK | 34,4 |
| | TR | 95,4 |
| | ZZ | 64,9 |
| 0709 93 10 | TR | 116,6 |
| | ZZ | 116,6 |
| 0805 50 10 | AR | 151,6 |
| | CL | 165,2 |
| | IL | 114,0 |
| | TR | 127,3 |
| | UY | 119,6 |
| | ZA | 133,6 |
| | ZZ | 135,2 |
| | ZZ | 135,2 |
| 0806 10 10 | AR | 128,7 |
| | BR | 163,4 |
| | EG | 160,1 |
| | MK | 103,8 |
| | TR | 119,3 |
| | ZZ | 135,1 |
| | ZZ | 135,1 |
| 0808 10 80 | AR | 262,7 |
| | BA | 49,3 |
| | BR | 65,3 |
| | CL | 123,1 |
| | NZ | 125,1 |
| | US | 160,3 |
| | ZA | 134,3 |
| | ZZ | 131,4 |
| | ZZ | 131,4 |
| 0808 30 90 | AR | 218,6 |
| | CL | 231,7 |
| | CN | 105,0 |
| | TR | 121,4 |
| 0809 30 | ZZ | 169,2 |
| | ZZ | 169,2 |
| 0809 40 05 | TR | 121,6 |
| | ZZ | 121,6 |
| 0809 40 05 | MK | 9,0 |
| | ZZ | 9,0 |

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT